**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 564/18**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**Vs**

**Mario Farrugia**
**Clint Cauchi**

**Illum 9 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' Mario Farrugia, iben Carmel u Josephine neè Mifsud, imwieled fit-3 ta' Lulju 1970 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 291170(M) **u** ta' Clint Cauchi, iben Joseph u Emanuela neè Farrugia, imwieled fis-6 ta' Marzu 1985 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 162685(M), talli b'diversi atti magħmulin minn Mario Farrugia u Clint Cauchi, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

**Lil Mario Farrugia u Clint Cauchi flimkien, talli**:

1. Fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u 23 ta' Awwissu 2018, ġewwa l-Ħamrun ikkommettew serq ta' vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 ta' l-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Mario Xuereb u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u t-23 ta' Awwissu 2018, ġewwa l-Imsida, ikkommettew serq ta' vending machine, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Etienne Mifsud u/jew persuni oħra;

[1] Fol. 140 sa' 143 tal-proċess.

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u 23 ta' Awwissu 2018, gewwa Ta' Xbiex, ikkommettew ħsara volontarja fuq vending machine liema ħsara teċċedi elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Etienne Mifsud u/jew persuni oħra;

4. Fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Awwissu 2018 u s-27 ta' Awwissu 2018, ġewwa Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, ikkommettew serq ta' għoddod, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Petar Vukovic u/jew persuni oħra;

5. Bejn is-27 ta' Awwissu 2018 u t-28 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, ikkommettew serq ta' mutur ta' l-għamla Kawasaki bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Stephen Agius u/jew persuni oħra;

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Awwissu 2018 u t-28 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, ikkommettew ħsara volontarja fuq vettura Seat Ibiza bin-Numru ta' Reġistrazzjoni SAS-060, liema ħsara ma teċċedix elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Stephen Agius u/jew persuni oħra;

7. Bejn it-28 ta' Awwissu u d-29 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq il-Bwieraq, ikkommettew serq ta' vettura ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Joseph Mifsud u/jew persuni oħra;

**Lil Mario Farrugia waħdu, talli:**

8. Nhar it-22 ta' Awwissu 2018 f'xi ħin filgħodu minn ġewwa Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Anthony Sammut u/jew persuni oħra;

9. Nhar id-29 ta' Awwissu 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-għejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 u/jew oġġetti oħra;

10. Bejn it-28 ta' Awwissu 2018 u d-29 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq Sant' Ubaldeska ma' Triq il-Palma, Raħal il-Ġdid, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' George Mallia u/jew persuni oħra;

11. Nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 u/jew oġġetti oħra;

12. Bejn it-30 ta' Awwissu 2018 u l-31 ta' Awwissu 2018 minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misrqua, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Mario Scerri u/jew persuni oħra;

13. Nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 u/jew oġġetti oħra;

14. Talli nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè ħwejjeġ, żraben u/jew oġġetti oħra;

15. Ukoll talli fix-xahar ta' Awwissu 2018, kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, Maġt. Dr. Miriam Hayman LL.D., li bihom l-imputat jobbliga ruħu li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja;

**Lil Clint Cauchi waħdu, talli:**

16. Nhar l-1 ta' Settembru 2018 f'xi ħin filgħodu minn ġewwa Triq il-Wied, Birkirkara, ikkommetta serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Justin Schembri u/jew persuni oħra;

17. Nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè għodod, pjanċi ta' vettura GBT-734 ta' l-għamla Mazda u/jew oġġetti oħra;

18. Fix-xahar ta' **Awwissu 2018** f'dawn il-gżejjer kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, impost fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata t-30 ta' Novembru 2017;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (1) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Mario Farrugia, tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kien ingħata l-ħelsien mill-arrest; (2) tittratta ma' Mario Farrugia bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta

hu kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi; u (3) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Mario Farrugia u lil Clint Cauchi għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "CC1" sa' Dok. "CC4", Dok. "MF1" sa' Dok. "MF4" u Dok. "CD1" sa' Dok. "CD6" a fol. 11 sa' 46 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Settembru 2018[3], tat-22 ta' Settembru 2018[4] u ta' l-20 ta' Mejju 2019[5] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CD1" sa' Dok. "CD7" a fol. 53 sa' 60 tal-proċess, Dok. "GV1" sa' Dok. "GV9" a fol. 111 sa' 139 tal-proċess, Dok. "CDX" a fol. 548 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS3 Kevin Grima[6] u ta' PS1074 Luke Stivala[7] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018 u x-xhieda ta' Brian Bonello[8], Mario Scerri[9], Justin Schembri[10], George Mallia[11], Annetta Sammut[12], Anthony Sammut[13] u Christopher Busuttil[14] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, semgħet ix-xhieda ta' Joseph Mifsud mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2018[15] u x-xhieda ta' PC236 Warren Pirotta[16], PC55 Eman Cutajar[17] u ta' PC1491 Kurt Attard[18], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018 u rat ir-rapporti esebiti minn PC1491 Kurt Attard markati Dok. "CA" u Dok. "CA2" a fol. 150 sa' 161 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Lennox Vella, Mario Xuereb[19], Giovanni Gauci[20], Joseph Dimech[21] u Stephen Agius[22], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018 u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati esebiti minn Dr. Lennox Vella a fol. 166 sa' 197 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS186 Kristian Mintoff mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[23] u rat ir-rapporti esebiti minnu markati Dok. "KM1" u Dok. "KM2" a fol. 214 sa' 247 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC406 Sean Micallef[24], PC405 Jason Schembri[25], PS609 James

[2] Fol. 107 u 108 tal-proċess.
[3] Fol. 51 sa' a tergo ta' fol. 52 tal-proċess.
[4] Fol. 109 u 110 tal-proċess.
[5] Fol. 546 u 547 tal-proċess.
[6] Fol. 61 u 62 tal-proċess.
[7] Fol. 63 tal-proċess.
[8] Fol. 91 tal-proċess.
[9] Fol. 92 tal-proċess.
[10] Fol. 93 tal-proċess.
[11] Fol. 94 tal-proċess.
[12] Fol. 95 tal-proċess.
[13] Fol. 96 tal-proċess.
[14] Fol. 97 u 98 tal-proċess.
[15] Fol. 100 u 101 tal-proċess.
[16] Fol. 144 u 145 tal-proċess.
[17] Fol. 146 u 147 tal-proċess.
[18] Fol. 148 u 149 tal-proċess.
[19] Fol. 198 sa' 200 tal-proċess.
[20] Fol. 201 u 202 tal-proċess.
[21] Fol. 203 u 204 tal-proċess.
[22] Fol. 205 sa' 207 tal-proċess.
[23] Fol. 212 u 213 tal-proċess.
[24] Fol. 248 sa' 250 tal-proċess.
[25] *Ibid.*

Magro[26], PS902 Karol Spiteri[27] u ta' Stephen Schembri[28] lkoll mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018 u rat ir-rapporti esebiti minn PC406 Sean Micallef u PC405 Jason Schembri markati Dok. "JR1" u Dok. "JR2" a fol. 253 sa' 293 tal-proċess u d-dokumenti esebiti min PS609 James Magro markati Dok. "JM1" u Dok. "JM2" a fol. 296 sa' 304 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Wayne Camilleri[29] u ta' l-Ispettur Mark Mercieca[30] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Diċembru 2018 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Wayne Camilleri markati Dok. "WC1" sa' Dok. "WC6" a fol. 318 sa' 330 tal-proċess, rat l-atti tal-Procès-Verbal Nru. 1029/18 a fol. 334 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone[31], ta' l-Ispettur Hubert Cini[32], u ta' l-Ispettur Elton Taliana[33] mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2019 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone markata Dok. "DT" a fol. 340 sa' 381 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS593 Raphael Attard Flores[34] u ta' WPS256 Leanne Sant[35] mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2019, u x-xhieda ta' PC299 Damian Cilia mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[36] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "DC" a fol. 429 sa' 433 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPS301 Lauren Vella[37], PC1466 Charles Curmi[38], PS950 Alan Buhagiar[39] u ta' WPC11 Zenia Azzopardi[40] lkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2019 u rat id-dokumenti esebiti minn WPS301 Lauren Vella markati Dok. "XV1" sa' Dok. "XV20" a fol. 438 sa' 458 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS1434 Mario Mercieca[41], PC233 Daniel Vassallo[42], WPC390 Anne Marie Coleiro[43], PC300 Glen Cachia[44], PC548 Joseph Christian Bajada[45], PS1257 Conrad Ellul[46], PC9 Aaron Cini[47] u PC313 James Axisa[48] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, u x-xhieda ta' PS1147 Antoine Fenech[49], PC959 Daniel Formosa[50], ta' l-Ispettur Roderick Spiteri[51], WPS293 Michelle Camilleri[52] u ta' WPC295 Rachel Lynn Borg[53] ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019 u rat is-CD ippreżentata minn PS1147 Antoine Fenech markata Dok. "AF" a fol. 493 tal-proċess, ir-rapport ippreżentat minn PC959 Daniel Formosa markat Dok. "DF" a fol. 496 sa' 506 tal-proċess, id-dokument, ossia formatur, esebit mill-Ispettur Roderick Spiteri markat Dok. "RS" a fol. 509 tal-proċess u r-rapport ippreżentat minn WPS293 Michelle Camilleri markat

[26] Fol. 294 u 295 tal-proċess.
[27] Fol. 305 sa' 307 tal-proċess.
[28] Fol. 308 sa' 310 tal-proċess.
[29] Fol. 314 sa' 317 tal-proċess.
[30] Fol. 331 u 332 tal-proċess.
[31] Fol. 339 tal-proċess.
[32] Fol. 382 u 383 tal-proċess.
[33] Fol. 384 u 385 tal-proċess.
[34] Fol. 404 u 405 tal-proċess.
[35] Fol. 406 u 407 tal-proċess.
[36] Fol. 427 u 428 tal-proċess.
[37] Fol. 436 u 437 tal-proċess.
[38] Fol. 459 u 460 tal-proċess.
[39] Fol. 461 u 462 tal-proċess.
[40] Fol. 463 u 464 tal-proċess.
[41] Fol. 472 u 473 tal-proċess.
[42] Fol. 474 u 475 tal-proċess.
[43] Fol. 476 sa' 478 tal-proċess.
[44] Fol. 479 u 480 tal-proċess.
[45] Fol. 481 u 482 tal-proċess.
[46] Fol. 483 u 484 tal-proċess.
[47] Fol. 485 u 486 tal-proċess.
[48] Fol. 487 u 488 tal-proċess.
[49] Fol. 491 u 492 tal-proċess.
[50] Fol. 494 u 495 tal-proċess.
[51] Fol. 507 u 508 tal-proċess.
[52] Fol. 510 u 511 tal-proċess.
[53] Fol. 544 u 545 tal-proċess.

Dok. "MC" a fol. 512 sa' 543 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC900 Steve Mifsud[54], PC636 Brandon Pullicino[55] u ta' Paul Buhagiar[56] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019 u x-xhieda ta' l-Espert ta' l-impronti diġitali Joe Mallia mogħtija waqt is-seduti tad-29 ta' Awwissu 2019[57], tat-12 ta' Settembru 2019[58] u ta' l-24 ta' Settembru 2019[59] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JM" a fol. 588 sa' 630 tal-proċess, ix-xhieda ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seduti tad-29 ta' Awwissu 2019[60], tat-12 ta' Settembru 2019[61], tat-13 ta' Frar 2020[62] u ta' l-20 ta' Frar 2020[63] u rat ir-Relazzjonijiet tagħha markati Dok. "MC" a fol. 577 sa' 581 tal-proċess u Dok. "MC", Dok. "MC1" u Dok. "MC2" a fol. 647 sa' 704 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Clive Agius mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019[64] u x-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta' Settembru 2019[65] u tal-31 ta' Ottubru 2019[66] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 639 sa' 680 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Forensic Psychologist Roberta Holland[67] mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020 u ix-xhieda ta' Maria Caruana, in rappreżentanza tal-Caritas, mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Diċembru 2020[68], tal-15 ta' Marzu 2021[69], tal-15 ta' Frar 2022[70] u tas-26 ta' Mejju 2022[71] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "MC" a fol. 738 tal-proċess u d-dokument ulterjuri wkoll markat Dok. "MC" esebit minnha a fol. 788 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MCX" u Dok. "MCY" a fol. 823 sa' 826 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2021[72] u x-xhieda ta' Dr. Antoine Ellul mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021[73], rat id-dokument esebit mid-Difensur ta' l-imputat Mario Farrugia a fol. 760 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Helenio Galea, in rappreżentanza tad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022[74] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "HG1" u Dok. "HG2" a fol. 777 sa' 781 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Camilleri mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022[75] u ix-xhieda ta' Luke Magri mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022[76], semgħet ix-xhieda ta' SM49 Christopher Lautier in rappreżentanza tad-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2022[77] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CL1" u Dok. "CL2" a fol. 829 sa' 831 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-

---

[54] Fol. 550 u 551 tal-proċess.
[55] Fol. 552 u 553 tal-proċess.
[56] Fol. 554 u 555 tal-proċess.
[57] Fol. 565 tal-proċess.
[58] Fol. 582 tal-proċess.
[59] Fol. 585 sa' 587 tal-proċess.
[60] Fol. 566 tal-proċess.
[61] Fol. 576 tal-proċess.
[62] Fol. 692 tal-proċess.
[63] Fol. 695 u 696 tal-proċess.
[64] Fol. 567 sa' 572 tal-proċess.
[65] Fol. 575 tal-proċess.
[66] Fol. 637 u 638 tal-proċess.
[67] Fol. 733 u 734 tal-proċess.
[68] Fol. 735 sa' 737 tal-proċess.
[69] Fol. 750 u 751 tal-proċess.
[70] Fol. 784 sa' 787 tal-proċess.
[71] Fol. 817 sa' 820 tal-proċess.
[72] Fol. 743 u 744 tal-proċess.
[73] Fol. 748 u 749 tal-proċess.
[74] Fol. 775 u 776 tal-proċess.
[75] Fol. 782 u 783 tal-proċess.
[76] Fol. 810 u 811 tal-proċess u fol. 812 u 813 tal-proċess.
[77] Fol. 827 u 828 tal-proċess.

Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2022[78];

Rat in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija esebita fit-30 ta' Ottubru 2019 a fol. 633 u 634 tal-proċess;

Rat in-Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju ta 'l-Avukat Ġenerali datata 1 ta' Ottubru 2020[79], permezz ta' liema bagħat:

Lill-imputati **Mario Farrugia u Clint Cauchi flimkien** sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat **Mario Farrugia waħdu** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat **Clint Cauchi waħdu** sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020[80], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputati entrambe ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

---

[78] Fol. 850 sa' 852 tal-proċess.
[79] Fol. 719 u 720 tal-proċess.
[80] Fol. 721 tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difensuri ta' l-imputati;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi flimkien qed jiġu mixlija talli b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-Liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u 23 ta' Awwissu 2018, ġewwa l-Ħamrun ikkommettew serq ta' vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 ta' l-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Mario Xuereb u/jew persuni oħra; (2) u aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u t-23 ta' Awwissu 2018, ġewwa l-Imsida, ikkommettew serq ta' vending machine, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Etienne Mifsud u/jew persuni oħra; (3) u aktar talli fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u 23 ta' Awwissu 2018, gewwa Ta' Xbiex, ikkommettew ħsara volontarja fuq vending machine liema ħsara teċċedi elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Etienne Mifsud u/jew persuni oħra; (4) fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Awwissu 2018 u s-27 ta' Awwissu 2018, ġewwa Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, ikkommettew serq ta' għoddod, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Petar Vukovic u/jew persuni oħra; (5) bejn is-27 ta' Awwissu 2018 u t-28 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, ikkommettew serq ta' mutur ta' l-għamla Kawasaki bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Stephen Agius u/jew persuni oħra; (6) u aktar talli fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Awwissu 2018 u t-28 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, ikkommettew ħsara volontarja fuq vettura Seat Ibiza bin-Numru ta' Reġistrazzjoni SAS-060, liema ħsara ma teċċedix elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Stephen Agius u/jew persuni oħra; (7) bejn it-28 ta' Awwissu u d-29 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq il-Bwieraq, ikkommettejtu serq ta' vettura ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Joseph Mifsud u/jew persuni oħra.

L-imputat Mario Farrugia waħdu qed jiġi mixli talli: (1) nhar it-22 ta' Awwissu 2018 f'xi ħin filgħodu minn ġewwa Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Anthony Sammut u/jew persuni oħra; (2) nhar id-29 ta' Awwissu 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 u/jew oġġetti oħra; (3) bejn it-28 ta' Awwissu 2018 u d-29 ta' Awwissu 2018, minn ġewwa Triq Sant'

Ubaldeska ma' Triq il-Palma, Raħal il-Ġdid, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' George Mallia u/jew persuni oħra; (4) nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 u/jew oġġetti oħra; (5) bejn it-30 ta' Awwissu 2018 u l-31 ta' Awwissu 2018 minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misrqua, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Mario Scerri u/jew persuni oħra; (6) nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 u/jew oġġetti oħra; (7) talli nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè ħwejjeġ, żraben u/jew oġġetti oħra; (8) ukoll talli fix-xahar ta' Awwissu 2018, kiser il-libertà proviżorja billi naqas milli jħares il-kondizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, Maġt. Dr. Miriam Hayman LL.D., li bihom l-imputat jobbliga ruħu li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja.

L-imputat Clint Cauchi waħdu qed jiġi mixli talli: (1) nhar l-1 ta' Settembru 2018 f'xi ħin filgħodu minn ġewwa Triq il-Wied, Birkirkara, ikkommetta serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, liema ammont jeċċedi elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Justin Schembri u/jew persuni oħra; (2) nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè għodod, pjanċi ta' vettura GBT-734 ta' l-għamla Mazda u/jew oġġetti oħra; (3) fix-xahar ta' Awwissu 2018 f'dawn il-gżejjer kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, impost fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata t-30 ta' Novembru 2017.

Il-Prosekuzzjoni titlob sabiex: (1) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat Mario Farrugia, tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kien ingħata l-ħelsien mill-arrest; u li (2) tittratta ma' l-imputat Mario Farrugia bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

Permezz ta' Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju datata 1 ta' Ottubru 2020[81], l-Avukat Ġenerali bagħat:

Lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat Mario Farrugia waħdu sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-imputat Clint Cauchi waħdu sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Xhieda u provi prodotti fir-rigward tar-reati addebitati lill-imputati:**

**L-Ispettur Christina Delia**[82] xehdet illi *nhar l-1 ta' Settembru 2018, ġejt infurmata mis-Surġent numru 3 Kevin Grima, li għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu kienu ġew infurmati minn ċertu Joseph Mifsud, li kien qalilhom li n-neputi tiegħu kien għadu kemm lemaħ il-vettura tiegħu, li kienet ġiet misruqa fil-lejl bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu, ipparkjata fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara. Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post fejn hemmhekk lemħu vettura Isuzu bin-Numru tar-Reġistrazzjoni BBJ-341 li fiha kien hemm tnejn minn nies li kienu jinsabu reqdin kif ukoll kif iċċekkjaw il-vettura fuq in-naħa ta' wara nnutaw diversi għoddod li kellhom suspett li kienu għadhom kemm ġew irrappurtati misruqa minn ġewwa vettura Ford Transit bin-Numru ta' Reġistrazzjoni*

[81] Fol. 719 u 720 tal-proċess.
[82] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 51 sa' a tergo ta' fol. 52 tal-proċess.

*EAQ-214. Il-Pulizija dak il-ħin kellmu liż-żewġ persuni li kienu qegħdin ġewwa l-vettura Isuzu li kienu ċertu Clive Agius, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 187685M u Clint Cauchi detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 162685M. Huma ġew imqajjma għax kienu reqdin u ġew infurmati li ser jinżammu taħt arrest fuq suspett li kienu kkommettew is-serq. Waqt li kienet qed issir it-tfittxija fil-vettura, instabu l-għoddod li kienu qegħdin fil-vettura li kienu kkonfermati minn ċertu Justin Schembri li jiġi s-sid ta' dawn l-għoddod li kienu l-għoddod li nsterqu minn ġewwa l-vann tiegħu, kif ukoll waqt li kienet qed issir it-tfittxija instabu number plates ta' vettura GBT734 li hija Mazda Demio li kienet ġiet misruqa minn ġewwa Birkirkara minn Triq P. Borg Olivier fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu.*

L-Ispettur Delia xehdet ulterjorment illi *fl-1 ta' Settembru 2018, għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' filgħaxija ġejt infurmata mill-Pulizija ta' l-RIU li kienu irċevew informazzjoni li kien hemm vann suspettuż li kien qiegħed idur fi Triq l-Imsida, viċin il-Knisja ta' Sant' Antnin, Birkirkara. Il-Pulizija marru hemmhekk fuq il-post, fosthom kien hemm PS1074 Luke Stivala, innota l-vann li kien qiegħed hemmhekk li kellu fuqu number plates JBN396. Kif ċċekkjaw dawn in-number plates irriżulta li ma kienux jaqblu mal-vann għax il-vann kien Toyota Liteace filwaqt li n-number plates kienu jgħajjtu Toyota Vitz li wkoll kienet ġiet misruqa minn Birkirkara. Il-Pulizija avviċinaw il-vann fejn fis-seat tax-xufier instab bilqiegħda Mario Farrugia li qiegħed preżenti hawnhekk fl-Awla u qed nagħrfu u kien infurmat li kien qiegħed jinżamm taħt arrest. Waqt it-tfittxija ġewwa l-vann instabu diversi oġġetti fosthom ħwejjeġ u affarijiet li normalment jinbiegħu fuq il-monti li rriżulta li kienu ġew misruqa ma' vann ieħor li kien ukoll Toyota Liteace li kellu numri ta' reġistrazzjoni DAS771. Fil-vann instabu wkoll affarijiet li ġew misruqa minn ġewwa Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni DBO398 mingħalija, fil-każ nikkonfermaha, u kienu ġew misruqin fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu. Dawn l-affarijiet kollha ġew identifikati mis-sidien tagħhom. Apparte minnhekk ser nippreżenta wkoll żewġ pjanċi tal-vettura Toyota Vitz li sa' llum għadna ma nafux x'sar minnha.*

*Aktar tard matul l-istess lejl, il-Pulizija kellha informazzjoni li kien hemm vettura oħra li kienet misruqa li l-pjanċi tagħha fil-vann fejn kien qiegħed Clint Cauchi. … Din il-vettura nstabet ġewwa Triq Luqa Briffa, Gżira. Bażikament instabet fil-komun tal-garaxxijiet ta' blokka bl-isem ta' Savoy Gardens. Fuqha kien hemm il-pjanċi tal-vann Toyota Liteace li nstab fih is-Sur Mario Farrugia li kienu FBC262. Il-pjanċi tal-Mazda kienu diġa nstabu fil-vettura l-oħra. Il-vetturi kollha saru l-eżamijiet fuqhom u ġew mgħoddija lura lis-sidien tagħhom. …*

*Apparti minn hekk, wara li aħna komplejna bl-investigazzjonijiet irriżultalna li x'aktarx li ġewwa l-istess blokka fejn instabet il-Mazda, kien hemm il-vann Toyota Liteace li nsteraq minn Birżebbugia li kien qiegħed jinżamm ġewwa garaxx hemmhekk. Min-naħa tagħna identifikajna min kien sid il-garaxx, li kien ċertu Clayton Bezzina. Sar rikors u sar warrant għall-arrest u tfittxija tas-Sur Clayton Bezzina. Minn naħa tagħna aħna rrikorrejna fuq il-post flimkien mas-Sur Clayton Bezzina fejn hu identifika ċ-ċwievet tal-garaxx bħala dawk li nstabu fil-pussess ta' Clint Cauchi u Clive Agius però ċ-ċwievet kienu qegħdin imwaħħlin maċ-ċavetta tal-karozza ta' Clive Agius. Kif ftaħna l-garaxx, sibna l-vettura Toyota Liteace li kien ġiet misruqa minn Birżebbugia u kif ukoll fil-garaxx instabu diversi għoddod oħra li kienu assoċjati ma' ċertu affarijiet li nstabu fil-vann li kien bih is-Sur Mario Farrugia kif ukoll instabu għoddod oħra li ma sibna xejn minnhom fil-vann.*

Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018[83], l-Ispettur Delia xehdet ulterjorment illi *fir-rigward ta' l-akkużi li li ġew miżjuda, jiena flimkien ma' l-Ispettur Arthur Mercieca kellimna liż-żewġ imputati u ġiet meħuda interrogazzjoni li ġiet ppreżentata l-kopja tagħhom. Fl-interrogazzjoni ż-żewġ imputati għażlu li ma jwieġbux għad-domandi, minn naħa tagħna aħna ċċekkjajna ċertu flimati li ser jiġu preżentati fis-seduta li jmiss fejn fosthom fir-rigward ta' l-akkuża numru 2 u l-akkuża numru 4 dehru l-imputati fil-filmat. Fit-tieni akkuża jidhru qegħdin jarmu l-vending machine li ġiet misruqa, fil-baħar ġewwa Ta' Xbiex kif ukoll jidher li dak il-ħin kienu qegħdin jagħmlu użu mill-vettura li nsterqet l-istess lejl li hija l-vettura msemmija fl-akkuża numru 1 u kif ukoll fil-konfront ta' l-akkuża numru 4 jidhru l-istess żewġ imputati jagħmlu użu mill-istess vettura msemmija fl-akkuża numru 1 li hija t-Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 qed jisirqu għoddod minn ġewwa vann li kien qiegħed ipparkjat f'Birkirkara fi Triq il-Wied, l-Imsida.*

Fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[84], l-Ispettur Christina Delia xehdet dwar il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront ta' Clayton Bezzina qua proprjetarju tal-garaxx Nru.129, Savoy Gardens, Triq Luqa Briffa, Gżira, fejn instabet il-vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 irrappurtata Misruqa minn Birkirkara u l-vann Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 li kien ġie rappurtat misruq minn Birżebbugia kif ukoll xi affarijiet li kienu qegħdin fil-vann. Il-Mandat in kwistjoni ġie esebit mill-Ispettur Delia u markat Dok. "CDX" a fol. 548 tal-proċess. Iddikjarat ukoll li siccome l-imputati nstabu fil-vetturi rappurtati misruqa, ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ħruġ ta' Mandati fil-konfront tagħhom.

L-Ispettur Delia ppreżentat is-segwenti:

- Pjanċi tar-Reġistrazzjoni bin-Numru JBN-396[85];
- Riċevuta maħruġa lil Mario Scerri relattiva għall-vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734[86];
- Riċevuta maħruġa lil George Mallia relattiva għall-vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262[87];
- Riċevuta maħruġa lil Joseph Mifsud relattiva għall-vettura ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341[88];
- Riċevuta maħruġa lil Stephen Schembri relattiva għal numru ta' għoddod[89];
- Riċevuta maħruġa lil Brian Bonello relattiva għall-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBO-876[90];
- Riċevuta maħruġa lil Christopher Busuttil relattiva għal numru ta' oġġetti[91].

Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018, l-Ispettur Christina Delia esebiet:

- L-istqarrijiet awdjo-viżwali taż-żewġ imputati, Dok. "GV1" u Dok. "GV2"[92];

[83] Fol. 109 u 110 tal-proċess.
[84] Fol. 546 u 547 tal-proċess.
[85] Dok. "CD1" Esebit Nru. 193/2018, fol. 53 tal-proċess.
[86] Dok. "CD2" a fol. 55 tal-proċess.
[87] Dok. "CD3" a fol. 56 tal-proċess.
[88] Dok. "CD4" a fol. 57 tal-proċess.
[89] Dok. "CD5" a fol. 58 tal-proċess.
[90] Dok. "CD6" a fol. 59 tal-proċess.
[91] Dok. "CD7" a fol. 60 tal-proċess.
[92] Fol. 111 tal-proċess.

- Rapport tal-Pulizija bin-Numru 6/M/2051/2018 datat 23 ta' Awwissu 2018 relattiv għall-vending machine li nsterqet mill-Imsida u ġiet mitfugħa l-baħar f'Ta' Xbiex[93];
- Rapport tal-Pulizija bin-Numru 7/P/3848/2018 datat 23 ta' Awwissu 2018 relattiv ghas-serq tal-vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 minn Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun[94];
- Rapport tal-Pulizija bin-Numru 8/R/3675/2018 datat 27 ta' Awwissu 2018 relattiv għas-serq ta' għoddod minn Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara[95];
- Rapport tal-Pulizija bin-Numru 8/S/1706/2018 datat 28 ta' Awwissu 2018 relattiv għas-serq tal-mutur ta' l-għamla Kawasaki bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 u oġġetti oħra minn Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, u l-ħsara fil-vettura ta' l-għamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Reġistrazzjoni SAS-060[96];
- Sentenza fl-ismijiet "Pulizija v. Renald Baldacchino u Clint Cauchi" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Novembru 2017[97];
- Sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mario Farrugia" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014[98];
- Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mario Farrugia" mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman bid-data 12.6.09[99].

**L-Ispettur Wayne Camilleri**[100] xehed illi huwa kien involut fi tlett investigazzjonijiet konnessi ma' dan il-każ. L-ewwel investigazzjoni kienet tirrigwarda rapport bin-numru 7/P/3848/2018 relattiv għal vann irrappurtat misruq minn Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, li ġie rrapportat misruq fit-23 ta' Awwissu 2018 minn ċertu Mario Xuereb, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 148959(M), illi ddikjara li l-aħħar li kien ra l-vann kien fit-22 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta tal-5:00p.m. Dan il-vann kien instab fit-30 ta' Awwissu 2018 fi Triq il-Palm, Raħal Ġdid, għall-ħabta ta' l-10:30p.m. Il-vann kien instab bi pjanċi differenti imwaħħlin fuqu, ossia l-pjanċi bin-numru JBT-294, li wkoll kienu ġew irrappurtati misruqa fit-2 ta' Settembru 2017. L-Ispettur Camilleri ppreżenta r-rapport relattiv għal dawn il-pjanċi, markat bħala Dok. "WC1" a fol. 318 sa' 320 tal-proċess.

Peress illi kien hemm suspett li dan il-vann seta' ntuża biex jsiru serqiet oħra, kien infetaħ Repert mill-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia, fejn ġew nominati diversi Esperti fosthom, Donald Tabone għal CCTVs, kif ukoll WPS293 u PC813 bħala Scene of Crime Officers.

L-Ispettur Camilleri ddikjara li huwa kien involut ukoll fl-investigazzjoni dwar serq ta' għoddod minn Triq il-Wied, Birkirkara, li ġie rrappurtat fl-1 ta' Settembru 2018. L-għoddod, ammontanti għal madwar €7,000, kienu ġew misruqa minn vann bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EAQ-215. Ir-rapport sar minn ċertu Justin Schembri, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 37100L, iżda dan iddikjara li l-għoddod kienu ta' ċertu Stephen Schembri, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 434370(M). Dana Stephen Schembri kkonferma li l-valur ta' l-għoddod misruqa kien ta' madwar €7,000 u

---

93 Dok. "GV3" a fol. 112 sa' 115 tal-proċess.
94 Dok. "GV4" a fol. 116 sa' 120 tal-proċess.
95 Dok. "GV5" a fol. 121 sa' 125 tal-proċess.
96 Dok. "GV6" a fol. 126 sa' 132 tal-proċess.
97 Dok. "GV7" a fol. 133 sa' 135 tal-proċess.
98 Dok. "GV8" a fol. 136 sa' 138 tal-proċess.
99 Dok. "GV9" a fol. 139 tal-proċess.
100 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Diċembru 2018, fol. 314 sa' 317 tal-proċess.

li dawn kienu relatati mal-qasam tal-kostruzzjoni. Iktar tard matul il-jum ta' l-1 ta' Settembru 2018, l-għoddod nstabu ġo vann bin-Numru tar-Reġistrazzjoni BBJ-341 li kien ipparkjat fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara, liema vann kien ġie rrappurtat misruq fid-29 ta' Awwissu 2018 minn ċertu Joseph Mifsud, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 503455(M), f'liema investigazzjoni l-Ispettur Camilleri kienu involut wkoll flimkien ma' l-Ispettur Christina Delia. F'dan il-vann apparte l-għoddod instabu wkoll pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru GBT-734. Il-vettura li kellha dawn il-pjanċi kienet ġiet irrappurtata misruqa bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu 2018. L-Ispettur Camilleri iddikjara li ġo dan il-vann instabu żewġ persuni maskili, ossia Clive Agius, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 187685(M), u Clint Cauchi, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 162685(M), illi huwa għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri. Dakinhar stess Stephen Schembri kien ikkonferma lill-Pulizija li l-għoddod misjuba kienu tiegħu iżda ddikjara li kien hemm xi affarijiet neqsin.

L-Ispettur Camilleri ppreżenta s-segwenti dokumenti:

- Filmat relatat ma' magna li kienet instabet fil-baħar f'Ta' Xbiex - Dok. "WC2";
- Filmat relatat mar-rapport bin-numru 8/S/1709/2018 dwar is-serq tal-mutur ta' l-għamla Kawasaki minn Triq P. Borg Olivier, Birkirkara - Dok. "WC3";
- Filmat relatat mar-rapport bin-numru 8/R/3675/2018 dwar is-serq ta' għoddod minn vettura fi Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara - Dok. "WC4";
- Filmat relatat mar-rapport bin-numru 8/R/3708/2018 relattiv għas-serq tal-vettura ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 minn Triq il-Bwieraq, Birkirkara - Dok. "WC5";
- Stima ta' ħsarat f'vettura ta' l-għamla Seat Ibiza relatata mar-rapport bin-numru 8S1709/2018 - Dok. "WC6"[101].

**Vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 u għodda rappurtata misruqa minn Justin Schembri:**

**PS3 Kevin Grima**[102] tenna dak dikjarat mill-Ispettur Christina Delia fix-xhieda tagħha u cioè li nhar l-1 ta' Settembru 2018, għall-ħabta tal-11:30a.m., l-Għassa ta' Birkirkara ġew infurmati minn persuna, li identifika ruħu bħala n-neputi ta' ċertu Joseph Mifsud, illi fid-29 ta' Awwissu 2018 kien irrapporta l-vann tiegħu misruq, illi kien ra dan il-vann b'żewġ persuni fih ġewwa Triq il-Bwieraq, Birkirkara. PS3 Kevin Grima rapporta ġewwa Triq il-Bwieraq flimkien ma' PC423, fejn hemm sabu vann ta' lewn griż ta' l-għamla Isuzu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341, b'żewġ persuni maskili reqdin fih. Fil-kaxxa ta' wara ta' dan il-vann, li kien mudell ta' pick-up, PS3 Kevin Grima ra diversi għoddod relatati mal-kostruzzjoni u mill-ewwel issusspetta li seta' kienu għoddod li kienu għadhom kemm ġew rappurtati misruqa minn ċertu Justin Schembri, li appuntu rrapporta li fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Awwissu 2018 u l-1 ta' Settembru 2018, kienu nsterqulu numru ta' għoddod mill-vann tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EAQ-215 waqt li kien ipparkjat fil-Wied ta' Birkirkara.

PS3 Kevin Grima ddikjara li fil-vann instabu ċertu Clive Agius, li kien bilqiegħda fis-seat tax-xufier u l-imputat Clint Cachia li kien bilqiegħda fis-seat tal-passiġġier. Clive Agius u Clint Cachia ġew arrestati fuq suspett ta' serq tal-vann u ta' l-għodda li kien hemm ġo fih. Il-Pulizija nfurmaw lil Joseph Mifsud, sid il-vann in kwistjoni, illi meta ġie fuq il-

[101] Fol. 321 sa' 324 tal-proċess u fol. 325 sa' 330 tal-proċess.
[102] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 61 sa' 63 tal-proċess.

post huwa effettivament ikkonferma li dak il-vann kien tiegħu, iżda l-għodda ta' ġo fih ma kenitx tiegħu. Il-Pulizija għalhekk sejħu lil Justin Schembri fuq il-post illi kkonferma li l-għoddod in kwistjoni kienu jidhru li huma tiegħu. Fil-kors ta' l-investigazzjoni tiegħu PS3 Kevin Grima ra xi filmati ta' CCTV ta' meta ittieħed il-vann bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 u fir-rigward iddikjara li *f'dan il-filmat rajt żewġ persuni jiena fi Triq il-Bwieraq, iħufu bil-lejl. Kienu t-tlieta neqsin kwart jew neqsin għaxra, fejn f'dan il-filmat deher wieħed kemm xejn mibrum, fartas bi ftit xagħar fil-ġenb u kien hemm wieħed twil għandu jdejh bit-tatoo. Dawn iż-żewġ persuni rajthom jippruvaw jiftħu diversi karozzi sakemm finalment ġie mittieħed dan il-vann kif spjegajt aktar qabel. Jiena personalment ma għarafthomx għalkemm illum nista' nikkonferma li dak il-persuna li iddeskrivejt kemm xejn mibrum huwa s-sinjur Mario Farrugia li qiegħed ħawn preżenti.*

**PS902 Karol Spiteri**[103] xehed illi *nhar it-28 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta tad-9:10hrs, kont infurmat minn WPC390 Anne Marie Coleiro, fejn infurmatni li kien insteraq vann minn Triq Bwieraq bin-Number Plate BBJ-341 Isuzu. Jiena bgħatt lil WPC295 biex tmur din it-triq u marret ġo Throttle Garage fejn rat il-cameras u tlabna kopja tal-cameras ukoll. X'ħin tkellimna ma' Joseph Mifsud, li huwa l-kwerelant, li qalilna li l-aħħar li kien ipparkja l-vann kien fit-28 ta' Awwissu l-ġurnata ta' qabel għall-ħabta ta' l-għaxra u kien mar fid-disgħa u kienu sabu misruq fid-disgħa tad-29 ta' Awwissu. Huwa stqarr li kellu ċ-ċavetta li kien ħalliha taħt it-tapit imma l-vann kien imsakkar għax kien ta ċ-ċavetta lil tat-Throttle Garage għax il-vann kien għat-tiswija. ... Fit-2 ta' Settembru 2018 ħadt hand over mingħand PS3 Kevin Grima li nfurmani li dan il-vann kien instab ftit il-bogħod minn fejn kien insteraq. Huwa nfurmani wkoll li Justin Schembri kellu xi għodda ġo dan il-vann u kien hemm rapport filgħodu li kienu nsterqu xi għodda u kienu nsterqu ġo dan il-vann ukoll. Kif ukoll infurmani li ġol-vann kienu nstabu ċertu Clint Cauchi u Clive Agius. Li rrid ngħid ukoll li dakinhar fid-29 jiena ċempilt lill-Ispettur Christina Delia li mbagħad ħadet ħsieb l-investigazzjonijiet hi. Fit-2 ta' Settembru bgħatt fixed point lil PC300 Glenn Cachia biex imur fixed point ma' dan il-vann sa' x'ħin jiġu tas-SOCO fejn għall-ħabta tas-sitta, x'ħin lestew kollox, mort fuq il-post u għamilt irċevuta lil sid l-għodda, Justin, fejn għaddejtlu l-affarijiet u għamiltlu rċevuta ta' dan kollu. Ġol-vann instabet il-liċenzja tal-windscreen li kienet IBA-376 u nstabu sett pjanċi GBT-734 li kienu rrappurtati misruqa minn fuq karozza oħra.*

PS902 Karol Spiteri għaraf l-irċevuta rilaxxata minnu markata Dok. "CD5" a fol. 58 tal-proċess kif ukoll ir-rapporti tal-Pulizija dwar dan il-każ markati Dok. "CD3" a fol. 31 sa' 34 tal-proċess u Dok. "CD6" a fol. 43 sa' 46 tal-proċess.

**WPC295 Rachel Lynn Borg**[104] xehdet illi kienet ġiet inkarigata minn PS902 sabiex taċċedi ġewwa Throttle Garage fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara, sabiex tara footage li seta' kien relatat ma' dan il-każ. F'dan il-garaxx hija ltaqgħet ma' ċertu Paul Buhagiar u mill-filmat rat li għall-ħabta ta' 2:40a.m./2:45a.m., dehru żewġt irġiel jduru mal-karozzi, b'wieħed minnhom jipprova jiftaħ il-bibien. Marru ħdejn vann ta' l-għamla Isuzu u wara ftit dan l-istess vann jidher jitlaq minn fuq il-post.

**Joseph Mifsud**[105] xehed illi huwa kien għamel rapport mal-Pulizija dwar is-serq tal-vettura tiegħu, Isuzu pick-up bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341. Huwa spjega li kien

[103] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, fol. 305 sa' 307 tal-proċess.
[104] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, fol. 544 u 545 tal-proċess.
[105] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2018, fol. 100 u 101 tal-proċess.

ħalla dan il-vann għand il-mechanic għat-tiswija fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara, iżda dan il-vann insteraq minn fejn kien ipparkjat. Huwa kien ħalla l-vann għand il-mechanic għall-ħabta tad-9:30a.m. ta' filgħodu u ġie nnutat li insteraq l-għada filgħodu għall-ħabta tad-9:30a.m., meta l-mechanic fetaħ għax-xogħol.

Fir-rigward tal-fatt li l-vettura ġiet eventwalment ritornata lilu, Joseph Mifsud spjega li *dan li ġara kien li għadda wieħed minn tal-familja qalli, "il-vann qiegħed il-Bwieraq", li jiġi ftit 'il bogħod minn fejn serquh għax bil-video aħna rajniehom min serqu l-vann, mhux eżatt għax biċ-ċpar imbagħad iffiltrawh. Ma kienux l-istess nies li sibniehom reqdin fih, tnejn oħra. Insomma dan ċempilli wieħed minn tal-familja u qalli, "il-vann qiegħed il-Bwieraq u hemm tnejn minn nies reqdin ġo fih". Għedltu li kont ser inċempel lill-Pulizija u qalli, "lill-Pulizija ġja ċempiltilhom u qaluli biex tinżel" għax jiena peress li għandi gabbana Baħar iċ-Cagħaq, għalaqt u nżilt u għamilt sad-disgħa u nofs ta' filgħaxija biex ħadtu għax kien fih l-għodda misruq ġo fih. Lili serquli ġo fih, serquli t-third plate li jeħel mal-karru u baga għax konna qlajnieha, li kont għadni nagħmilha ġdida, tad-dgħajsa.* Iddikjara ukoll li l-filmat tac-CCTV kien rah għand il-mechanic, ċertu Pawlu, *u bdejna naraw imbagħad rajnieh il-vann, kienu xis-sagħtejn ta' filgħodu jew is-sagħtejn u kwart kif qalli Pawlu l-mechanic. Rajnieh ħiereġ, qala' gas down. L-għada Pawlu l-mechanic qalli "mela l-vann sibtu?". Għedtlu "x'sibt, sibt" qalli "il-vann għadda minn quddiemi issa". Jiġifieri bdew jiġru bih anki filgħodu. … għadda minn quddiemu u qalli relax ipejjep sigarett min hu u sakemm mar jara fuq il-camera biex jara jekk hux hu, imbagħad qabad il-mutur u ma sabhomx imma għax laħaq għadda l-ħin. Il-vann fih xi ħsara, fih daqqa mal-ġenb, id-dawra mejt imlewh bid-daqqiet.*

Il-Prosekuzzjoni esebit ir-rapport li għamel Joseph Mifsud, li jġib id-data 29 ta' Awwissu 2018, markat Dok. "CD3" a fol. 31 sa' 34 tal-proċess. Ir-rapport li Joseph Mifsud għamel mal-Pulizija ġie kkonfermat minn **WPC390 Anne Marie Coleiro** fix-xhieda li tat waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019[106] fejn żiedet tgħid illi *kont għamilt update minn naħa tagħna għaliex meta nstab il-vann il-misruq kien hemm ġo fih number plates ta' vettura misruqa oħra u ġol-vann Bravo Bravo Juliet 341 instabu n-number plates tal-vettura msemmija l-oħra misruqa. … Ta' vettura Mazda Demio, liema vettura imbagħad kienet instabet ġewwa l-Gżira u nhar it-2 ta' Settembru mill-Pulizija u meħudha s-CID. … Ġiet rappurtata misruqa nhar il-31 ta' Awwissu 2018 fis-sitta u għoxrin ta' filgħodu. … Rigward rapport li ġara fl-1 ta' Settembru ġo l-imsemmija vann misruq Bravo Bravo Juliet kien hemm l-għodda li ġew irrappurtati misruqa nhar l-1 ta' Settembru. Dawn instabu waqt li kien hemm PC300 fixed point u kien hemm tal-forensic li kienu qed jagħmlu x-xogħol min-naħa tagħhom, l-imsemmija għodda li ġew misruqa kienu instabu, kien hemm battery grinder, żewġ drills, cordless driller, pompa ta' l-ilma u chaser. Imbagħad kienu nstabu xi affarijiet oħra skond kif hawn imniżżel fir-rapport li huma water pipe, hydraulic jack, extension cable.* Dak affermat minn WPC390 Anne Marie Coleiro dwar x'instab fil-vann bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 ġie kkonfermat minn **PC300 Glenn Cachia** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019[107].

**Paul Buhagiar**[108] xehed li l-Pulizija kienu talbuh il-filmati tas-CCTV cameras li għandu mal-garaxx tiegħu ġewwa Triq Bwieraq. Dawn il-cameras qegħdin mal-garaxx tiegħu u

[106] Fol. 476 sa' 478 tal-proċess.
[107] Fol. 479 u 480 tal-proċess.
[108] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, fol. 554 u 555 tal-proċess.

mal-garaxx ta' ma' ġenbu u jagħtu għal fuq it-triq. Bħala fatt huwa kien ikkopja l-filmati mitluba mill-Pulizija fuq pendrive u kien għaddihomlom.

**Justin Schembri**[109] xehed illi huwa kien għamel rapport mal-Pulizija madwar tlett ġimgħat/xahar qabel id-data li fiha xehed f'dawn il-proċeduri, relattiv għal serq ta' għodda minn ġewwa l-vann tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EAQ-215. Iddikjara li nsterqalu ammont sostanzjali ta' għodda bħal grinder, chaser, driller u jiggers. Madwar tlett siegħat wara li għamel ir-rapport, il-Pulizija kienu bagħtu għalih biex jaċċedi l-Għassa biex jara jagħrafx l-għodda tiegħu qalb xi għodda li kienu għadhom kemm sabu. Bħala fatt l-għodda in kwistjoni kienet parti mill-għodda li insterqet lil Justin Schembri.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ir-rapport li għamel Justin Schembri, li jġib id-data ta' l-1 ta' Settembru 2018, markat Dok. "CD6" a fol. 43 sa' 46 tal-proċess. Ir-rapport in kwistjoni ġie kkonfermat minn **WPC11 Zenia Azzopardi** fix-xhieda li tat waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2019[110].

**Stephen Schembri**[111] xehed illi ftit xhur qabel id-data meta ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, kien sab it-tieqa tal-vann tiegħu, liema vann huwa reġistrat fuq ċertu Melvin Dimech, imkissra u sab li nsterqitlu xi għodda li tintuża fil-kostruzzjoni. L-għodda li nsterqet kienet parti tiegħu, parti tat-tifel tiegħu u parti ta' Melvin Dimech. Huwa għamel rapport mal-Pulizija ta' l-Għassa ta' Birkirkara u ftit ħin wara li għamel dan ir-rapport bagħtu għalih sabiex jara jekk għodda li kienet instabet kenitx l-għodda tiegħu. Huwa mar ħdejn vann fejn hemmhekk għaraf ħafna mill-għodda li kienet insterqet. Għalkemm kien hemm ħafna mill-għodda ċerta affarijiet bħal pompi ta' l-ilma, drillers u chasers ma kienux hemm. Dawn l-affarijiet li baqgħu ma nstabux kellhom valur ta' bejn €1,800/€2,000. Stephen Schembri għaraf l-irċevuta rilaxxata lilu għall-għodda ritornata lilu, markata Dok. "CD5" a fol. 58 tal-proċess.

**PC1491 Kurt Attard**[112] xehed illi fl-1 ta' Settembru 2018, hu u PS186 Kristian Mintoff ġew infurmati mill-Ispettur Wayne Camilleri dwar serq ta' għodda minn ġo vettura ta' l-għamla Ford Transit bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EAQ-215 li kienet f'Valley Road, Birkirkara. PC1491 Kurt Attard ħa ħsieb ix-xogħol ta' elevar u fil-fatt eleva lifter li ġie dokumentat bħala 18CBD301. Fir-rigward ippreżenta rapport markat Dok. "CA" a fol. 150 sa' 154 tal-proċess.

Xehed ulterjorment illi dakinhar stess ta' l-1 ta' Settembru 2018, hu u PS186 Kristian Mintoff ġew infurmati dwar vettura oħra ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-431 li kienet tinstab fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara. F'dan il-każ ukoll PC1491 Kurt Attard ħa ħsieb ix-xogħol ta' l-elevar u eleva erba' lifters li ġew dokumentati minn 18CBC301 sa' 18CBC304. Fir-rigward ippreżenta rapport markat Dok. "CA2" a fol. 155 sa' 161 tal-proċess.

**PS186 Kristian Mintoff**[113] ippreżenta r-rapporti tiegħu relattiv għax-xogħol fir-rigward tal-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni EAQ-215 u tal-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 bħala Dok. "KM1" u Dok. "KM2" a fol. 214 sa' 247 tal-proċess.

---

[109] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 93 tal-proċess.
[110] Fol. 463 u 464 tal-proċess.
[111] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, fol. 308 sa' 310 tal-proċess.
[112] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018, fol. 148 u 149 tal-proċess.
[113] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, fol. 212 u 213 tal-proċess.

**Vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734:**

**Mario Scerri**[114] xehed illi bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu 2018, insterqitlu l-karozza ta' l-għamla Mazda Demio kulur aħdar bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 minn wara l-bieb tad-dar tiegħu. Dwar dan huwa kien għamel rapport ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara. Sussegwentement huwa kien irċieva telefonata mingħand il-Pulizija fejn kien ġie nfurmat li l-vettura kienet instabet u fil-fatt din il-vettura ġiet ritornata lura lilu.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ir-rapport li għamel l-imsemmi Mario Scerri dwar is-serq tal-vettura in kwistjoni u dan jinsab Esebit bħala Dok. "CD5" a fol. 39 sa' 42 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat mnn PC236 Warren Pirotta fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018[115] kif ukoll minn PS609 James Robert Magro fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[116], fejn reġa' ippreżenta dan ir-rapport markat Dok. "JM2" a fol. 301 sa' 304 tal-proċess.

**Vann ta' l-għamla Toyota Liteace li fuqu kellu mwaħħla l-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru JBN-396:**

**PS1074 Luke Stivala**[117] xehed illi fl-1 ta' Settembru 2018, waqt li kien ronda fl-akkwati tas-Swatar, ġie avviċinat minn persuna li nfurmah li kien hemm persuna magħrufa mal-Pulizija li kienet qed iddur b'vann Toyota Liteace u li saq lejn il-Knisja ta' Sant' Antnin, fi Triq l-Imsida, Birkirkara, u pparkja hemmhekk. PS1074 Luke Stivala mar fil-post indikat lilu u hemm sab vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 imwaħħal fuqha. F'din il-vettura kien hemm l-imputat Mario Farrugia, persuna magħruf mal-Pulizija, bilqiegħda fuq in-naħa tax-xufier. Ix-xhud għaraf lil dan Mario Farrugia bħala wieħed mill-imputati f'dawn il-proċeduri.

PS1074 Luke Stivala ddikjara ulterjorment illi *staqsejtu x'kien qed jagħmel hemm u qalli li kien qed jistenna lil xi ħadd partikolari u ma kienx jaf eżatt u mill-ewwel deher li kien daqsxejn imfixkel. Sadanittant aħna ċċekkjajna l-vettura u rriżulta li il-vettura kienet misruqa, il-pjanċi tagħha kienu reġistrati fuq vettura Toyota Vitz u kienu ovvjament misruqin, imbagħad iċċekjajna l-liċenzja tal-vann li kien ukoll immarkat li kien misruq ukoll. Kif kont qiegħed hemmhekk bdejt nagħmel search ħafifa fuq Mario Farrugia u fil-vettura u fl-ignition ma kienx hemm ċwievet. Peress li kien hemm żewġ vetturi involuti, għedna li aħjar jiġu tas-SOCO u jagħmlu is-search sewwa. Innutajt li fil-vann kien hemm xi kaxxi b'affarijiet ngħidilhom jien tal-monti. Mario kkoopera magħna sa' l-aħħar, in fatti beda jagħtina ċertu dettalji ta' x'ġara u ma ġarax u kkoopera mill-bidu sa' l-aħħar magħna u ma qagħadx jaqla' problemi. Waqt li konna qegħdin hemmhekk beda jgħidilna wkoll fuq vetturi oħrajn li kienu misruqin ukoll.*

**PC406 Sean Micallef**[118] xehed illi fl-1 ta' Settembru 2018, flimkien ma' PC405 Jason Schembri, kien aċċeda fuq il-post fejn instab vann li kellu mwaħħla l-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru JBN-396. PC406 Sean Micallef ħa ħsieb ix-xogħol ta' elevar u fil-fatt eleva żewġ kampjuni, wieħed minn fuq l-isteering wheel tal-vettura u l-ieħor minn fuq il-gear knob tal-vettura. Dawn ġew iddokumentati bħala Dok. 18CBE201 u 202.

[114] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 92 tal-proċess.
[115] Fol. 144 u 145 tal-proċess.
[116] Fol. 294 u 295 tal-proċess.
[117] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Settembru 2018, fol. 63 tal-proċess.
[118] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018, fol. 248 sa' 250 tal-proċess.

Huwa eleva wkoll bott ta' lewn griż kontenenti crusher u sustanza suspettata llegali minn fuq id-dashboard tal-vettura, kif ukoll par ingwanti li ġew rispettivament dokumentati bħala Dok. 18CBE203 u Dok. 18CBE204. PC406 Sean Micallef għadda d-dokument Dok. 18CBE203 lill-Ispettur Christina Delia filwaqt li id-dokumenti l-oħra ġew esebiti flimkien mar-rapport tiegħu u ta' PC405 Jason Schembri Dok. "JR1" a fol. 253 sa' 281 tal-proċess.

Wara li lesta x-xogħol fuq il-vettura li kellha pjanci ta' reġistrazzjoni bin-Numru JBN-396, PC406 Sean Micallef, flimkien ma' PC405 Jason Schembri, aċċeda ġewwa basement garage fi Triq Luqa Briffa, Gżira. Din il-vettura, li kellha mwaħħla fuq pjanċi ta' reġistrazzjoni FBC-262, kienet imsakkra, iżda minn fuq il-pumi eleva impronti diġitali. Ir-rapport relattiv bil-lifters annessi ġie ppreżentat bħala Dok. "JR2" a fol. 282 sa' 293 tal-proċess.

**Vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262:**

**George Mallia**[119] xehed illi xi żmien qabel ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, kien għamel rapport l-Għassa tar-Raħal Ġdid għaliex bejn it-23 u l-24 ta' Awwissu 2018, kien insteraqlu l-vann tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 minn fejn kien ipparkjat, ossia fil-kantuniera bejn Triq Sant' Ubaldeska u Triq il-Palma, Raħal Ġdid. Sussegwentement il-Pulizija bagħtu għalih sabiex jara jagħrafx il-vann tiegħu u rriżulta li dan kien effettivament instab, mingħajr il-pjanċi, u b'affarijiet fih li ma kienux tiegħu. George Mallia ddikjara li eventwalment huwa kien ottjena lura ukoll il-pjanċi tal-vann. Ikkonferma li d-dokument Dok. "CD3" a fol. 56 tal-proċess hija l-irċevuta rilaxxata lilu mar-ritorn tal-vann in kwistjoni.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ir-rapport li għamel George Mallia, li jgib id-data 29 ta' Settembru 2018, markat bħala Dok. "CD2" a fol. 27 sa' 30 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat mill-**Ispettur Hubert Cini** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2019[120] u minn **PC9 Aaron Cini** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019[121]. **PS1257 Conrad Ellul**[122] xehed illi *fl-1 ta' Settembru 2018 għall-ħabta tad-disgħa u nofs kien ċempilli Surġent li qiegħed l-RIU fejn qalli biex nitla' ħdejh ġewwa Triq l-Imsida, Birkirkara, minħabba l-fatt li kienu sabu vann li kien ġie rrappurtat nieqes minn Raħal Ġdid u kien instab f'dik l-imsemmija triq. Kif wasalt fuq il-post sibt lil dan is-Surġent fejn infurmani wkoll illi kif iċċekja l-liċenzja tal-vann, dan instab li kien ġie misruq fid-29 ta' Awwissu 2018, in-numru tal-vann suppost kienu FBC-262 filwaqt li fuqu nstabu sett imwaħħlin bin-Numri JBN-396. Dawn kienu jgħajjtu vettura Toyota Vitz li kienet ġiet irrappurtata nieqsa minn Birkirara. Infurmani wkoll li ġol-vann kien hemm raġel suspettuż li wara rriżulta li kien ċertu Mario Farrugia bin-Numru tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 291170(M). Jiena minn hemmhekk infurmajt lill-Ispettur tiegħi, l-Ispettur Hubert Cini, fejn tani struzzjonijiet sabiex ir-raġel jinżamm arrestat u jitniżżel is-CID imbagħad infurmajt lil tas-SOCO li telgħu, elevaw ix-xena u l-vann ġie ittowjat u nizżilnieh is-CID.*

**PC313 James Axisa**[123] xehed illi fl-1 ta' Settembru 2018 hu u l-kollega tiegħu PS1074, kien għaddej ronda fi Triq l-Imsida, Birkirkara, u hemm innota vann ta' l-għamla Toyota

[119] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 94 tal-proċess.
[120] Fol. 382 tal-proċess.
[121] Fol. 485 u 486 tal-proċess.
[122] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, fol. 483 u 484 tal-proċess.
[123] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, fol. 487 u 488 tal-proċess.

ta' kulur abjad li fuqu kellu pjanċi tar-reġistrazzjoni JBN-396. Minn verifika li saret mal-Control Room irriżulta li l-pjanċi tar-reġistrazzjoni JBN-396 kienu jgħajjtu lil Toyota Vitz filwaqt li mill-liċenzja tal-vann irriżulta dan kellu Numru tar-Reġistrazzjoni FBC-262. Irriżulta wkoll li l-vann in kwistjoni kien irrappurtat misruq.

**Vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396:**

**Annetta Sammut u Anthony Sammut**[124] xehdu li fit-22 ta' Awwissu 2018 insterqitilhom vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396. Il-vettura nsterqet mis-Swatar, Birkirkara. Din il-vettura baqgħet ma ġietx ritornata lilhom.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ir-rapport li sar minn Annetta u Anthony Sammut, markat Dok. "CD1" a fol. 21 sa' 26 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat minn **PC55 Eman Cutajar** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018[125].

**WPS301 Lauren Vella**[126] xehdet illi fit-22 ta' Awwissu 2022, waqt li kienet xogħol ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara, PC55 infurmaha li kien hemm persuna li irrappurtat s-serq tal-vettura tagħha minn Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara. Il-vettura kienet Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396. WPS301 Lauren Vella ddikjarat ukoll li bgħatet żewġ Pulizija sabiex jaraw hemmx cameras fl-akkwati ta' fejn kienet il-vettura u fil-fatt irriżulta li kien hemm cameras u wara li rat il-filmati ħarġet stills li kienu rilevanti għall-każ. L-istills ġew esebiti u markati Dok. "XV1" sa' Dok. "XV19" a fol. 439 sa' 458 tal-proċess u ġie Esebit ukoll pendrive markat Dok. "XV" a fol. 438 tal-proċess.

**PC900 Steve Mifsud**[127] u **PC636 Brandon Pullicino**[128], entrambe xehdu li in segwitu għal rapport ta' vettura misruqa minn Triq Deacon, Birkirkara, marru jaraw isibux CCTV cameras fl-akkwati u għalkemm ħabbtu fuq ir-residenza bin-numru 30 u 32, iżda ma fetħilhom ħadd.

**Għodda Misruqa mill-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBO-876:**

**Brian Bonello**[129] xehed illi fid-29 ta' Awwissu 2018 il-mara tiegħu nfurmatu li kellu l-ħġieġa tal-vettura tiegħu, vann bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBO-876, miskura. Meta mar jara x'ġara huwa sab li kellu ammont ta' għodda li kien hemm fil-vann li ġiet misruqa. Sussegwentement il-Pulizija bagħtu għalih jinfurmah li keinu sabu xi għodda u fil-fatt kienet instabet l-għodda kważi kollha ħlief il-power tools. Brian Bonello kkonferma li d-dokument Dok. "CD6" a fol. 6 tal-proċess hija l-irċevuta ta' l-għodda li ġiet ritornata lilu.

**Vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAS-771:**

**Christopher Busuttil**[130] xehed illi madwar tlett ġimgħat qabel ma xehed f'dawn il-proċeduri kien insteraqlu l-vann tal-monti, bil-merkanzija li kien hemm ġo fih, minn quddiem id-dar tiegħu ġewwa Birżebbugia. Dan il-vann kien ta' l-għamla Toyota Liteace

---

[124] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 95 u 96 tal-proċess.
[125] Fol. 146 u 147 tal-proċess.
[126] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2019, fol. 436 u 437 tal-proċess.
[127] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, fol. 552 u 553 tal-proċess.
[128] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, fol. 552 u 553 tal-proċess.
[129] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 91 tal-proċess.
[130] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2018, fol. 97 u 98 tal-proċess.

bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAS-771. Sussegwenetment il-vann bi ftit mill-oġġetti li kellu fih ġew ritornati lilu, iżda l-cash register li kienet fih ukoll ma nstabitx. Christopher Busuttil għaraf l-irċevuta rilaxxata lilu mill-Pulizija markata Dok. "CD7" a fol. 60 tal-proċess.

Ir-rapport ta' Christopher Busuttil mal-Pulizija, li ġie esebit mill-Prosekuzzjoni bħala Dok. "CD4" a fol. 35 sa' 38 tal-proċess, ġie kkonfermat minn **PS1434 Mario Mercieca** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019[131]. L-imsemmi Surġent iddikjara wkoll li kienu nġabru xi filmati minn CCTV cameras fl-akkwati ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura ta' Christopher Busuttil. Dak dikjarat minn PS1434 Mario Mercieca ġie kkonfermat ukoll minn **PC223 Daniel Vassallo** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019[132], u kkonferma li Christopher Busuttil kien għadda xi filmati lill-Pulizija li a loro volta għaddewhom lit-Taqsima tal-Forensika tal-Pulizija.

**PS1146 Antoine Fenech**[133] esebixxa l-filmati - Dok. "AF" a fol. 493 tal-proċess - relatati mal-każ tas-serqa tal-vann bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAS-771 mertu tar-rapport tal-Pulizija 5/J/1663/2018 magħmul minn Christopher Buhagiar.

**WPS293 Michelle Camilleri**[134] xehdet illi fit-3 ta' Settembru 2018 hija ġiet inkarigata mill-Ispettur Christina Delia sabiex taċċedi ġewwa garaxx Nru.129, Savoy Gardens, Triq William Reid, Gzira, in konnessjoni ma' vann, li mir-rapport tagħha jirriżulta li kellu Numru ta' Reġistrazzjoni DAS-771, li kien rappurtat misruq li kien instab fl-imsemmi garage. WPS 293 Michelle Camilleri ppreżentat ir-rapport tagħha relattiv għar-ritratti li ttieħdu fuq ix-xena kif ukoll għal xi impronti diġitali li ġew elevati u dan jinsab markat Dok. "MC" a fol. 512 sa' 543 tal-proċess.

**Vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681:**

**Mario Xuereb**[135] xehed illi fit-23 ta' Awwissu 2018 huwa għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun relattivament għas-serq tal-vann tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681, li kien ipparkjat fi Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun. Huwa kien ra l-aħħar il-vettura in kwistjoni nhar it-22 ta' Awwissu 2018 għall-ħabta ta' l-4:30p.m. iżda l-għada filgħodu għall-ħabta tas-7:00a.m. ma sabux hemm. Sussegwentement il-vettura in kwistjoni nstabet mill-Pulizija u ġiet ritornata lilu.

Ir-rapport ta' Mario Xuereb lill-Pulizija ġie esebit mill-Prosekuzzjoni bħala Dok. "GV4" a fol. 116 sa' 120 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat minn **PS539 Raphael Attard Flores** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2019[136] u minn **PC299 Damian Cilia** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2019[137], reġa' esebieh mill-ġdid bħala Dok. "DC" a fol. 429 sa' 433 tal-proċess.

**L-Espert Tekniku Donald Tabone**[138], esebixxa r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "DT" a fol. 340 sa' 381 tal-proċess. L-imsemmi Espert eżamina s-sistemi ta' CCTV cameras tal-fondi "Mannarinu" Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, u "St. Gaetan

[131] Fol. 472 u 473 tal-proċess.
[132] Fol. 474 u 475 tal-proċess.
[133] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, fol. 491 u 492 tal-proċess.
[134] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, fol. 510 u 511 tal-proċess.
[135] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, fol. 198 sa' 200 tal-proċess.
[136] Fol. 404 u 405 tal-proċess.
[137] Fol. 427 u 428 tal-proċess.
[138] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, fol. 339 tal-proċess.

Pharmacy", Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, u kkonstata li hemm diskrepanza bejn r-*real date and time* u l-*multiplexer date and time* tas-sistema tal-fond "Mannarinu", Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, fejn il-*multiplexer* qiegħed b'lura bi tmienja u ħamsin sekonda (-00:00:58) u li hemm diskrepanza bejn ir-*real date and time* u l-*multiplexer date and time* tas-sistema tal-fond "St. Gaetan Pharmacy" Triq il-Kappillan Mifsud, Ħamrun, fejn il-*multiplexer* qiegħed b'lura b'siegħa, żewġ minuti u erbgħin sekonda (-01:02:40). L-Espert Tekniku Donald Tabone ħareġ diversi stills pertinenti għal dan il-każ.

**Għodda Misruqa minn vann fi Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara:**

**Giovanni Gauci**[139] xehed illi fis-27 ta' Awwissu 2018 kien għamel rapport ma' l-Għassa ta' Birkirkara fir-rigward ta' għodda li kienet insterqet minn vann li kien ipparkjat barra l-uffiċċju tiegħu. Xehed illi *l-materjal instab. Il-materjal xi 4 ijiem jew 5 ijiem wara kienu ċempluli l-Pulizija, morna l-Gżira u ġo garaxx sibna skoss affarijiet u min kien qiegħed hemmhekk naraw x'għandna. Ħafna mill-materjal li kien materjal apposta għall-ilma, jiġifieri tip partikolari, instab ħafna minnu. Għodda u dawk l-affarijiet ma sibna xejn imma.* Gauci ddikjara li l-valur ta' l-oġġetti misruqa u li baqgħu ma nstabux kien ta' bejn €1,000/€2,000.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ir-rapport li għamel Giovanni Gauci, flimkien ma' Petar Vukovic, bħala Dok."GV5" a fol. 121 sa' 125 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie ikkonfermat minn **PS609 James Robert Magro** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2018[140], fejn reġa' ppreżenta tali rapport markat bħala Dok. "JM1" a fol. 296 sa' 300 tal-proċess. Ir-rapport da parte ta' Petar Vukovic ġie ikkonfermat ukoll minn **PC1466 Charles Curmi** fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2019[141].

**Vending machine:**

**Joseph Dimech**[142] xehed illi fit-23 ta' Awwissu 2018 huwa kien irrapporta mal-Pulizija li fil-baħar f'Ta' Xbiex kien hemm kaxxa. Din il-kaxxa kienet tinsab Madwar ħames metri taħt il-baħar u eventwalment ġew il-Pulizija fuq il-post.

Il-Pulizija esebiet ir-rapport li għamel Joseph Dimech bħala Dok."GV3" a fol. 112 sa' 115 tal-proċess.

**L-Ispettur Mark Mercieca**[143] xehed illi *nhar it-23 ta' Awwissu 2018, kont duty officer ġewwa l-Għassa tas-Sliema, fejn ġejt infurmat mis-Surġent li kienet duty, WPS256, li kmieni filgħodu kienu nfurmawha li kien hemm oġġett ġewwa l-baħar wara l-Black Pearl. Ġew mitkellma l-AFM sabiex jassistu lill-Pulizija fejn wara li bagħtu xi divers, irriżulta li kienet kaxxa tal-metall ta' lewn aħdar bl-istickers tal-GO, Vodafone u anki Melita, jiġifieri as such din kienet vending machine tal-cards tat-telephones ċellulari. Meta ttellgħet mill-baħar irriżulta li kienet ġiet sgassata u l-oġġetti ta' ġo fiha kienu ġew meħuda u ngħid ukoll li sa' dak il-ħin ma kellniex amment minn fejn setgħet ġiet misruqa. Kont infurmajt lis-Surġenta sabiex tagħmel enquiries biex naraw jekk kienetx saret xi serqa filgħaxija mill-akkwati tad-distrett tagħna u*

[139] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, fol. 201 u 202 tal-proċess.
[140] Fol. 294 u 295 tal-proċess.
[141] Fol. 459 u 460 tal-proċess.
[142] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, fol. 203 u 204 tal-proċess.
[143] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Diċembru 2018, fol. 331 u 332 tal-proċess.

*anki minn distretti oħra fejn ma rriżulta xejn, imma aktar tard matul il-ġurnata kien ġie rrappurtat ġewwa l-Għassa l-Imsdia li kienet insterqet vending machine ta' dawn il-cards minn ġewwa l-home ta' l-anzjani minn ġewwa l-Imsida stess. Ngħid ukoll li minn hemmhekk kien ġie stabbilit il-ħin għaliex bejn it-tlieta u l-erbgħa ta' filgħodu kien inqata' d-dawl tal-home jiġifieri meta setgħet inġibdet il-kaxxa kien ġara xi tip ta' short circuit u mar id-dawl u minn hemmhekk bdejna niġbdu s-CCTVs ta' l-akkwati. Ngħid ukoll li minn CCTVs li rajt jiena stess kien irriżulta li kien intuża vann ta' tip Toyota ta' lewn abjad u anki kien hemm vettura ssegwieh ta' l-għamla Toyota Vitz. Il-pjanċi qatt ma setgħu jiġu identifikati minni, fejn aktar 'l quddiem kien irriżulta li l-Ispettur tal-Ħamrun u anki l-Ispettura ta' Birkirkara kienu waslu biex jikkonkludu xi tip ta' serq minn xi vetturi simili fejn jiena kont għaddejt ix-xogħol tiegħi u anki infurmajthom b'dak li kien hemm sabiex jgħaqqdu l-każijiet u jkunu jistgħu jmexxu kollox f'daqqa.*

**WPS256 Leanne Sant**[144] xehdet illi *nhar it-23 ta' Awwissu 2018, għall-ħabta ta' l-għaxra u kwart ta' filgħodu, daħlitilna informazzjoni l-Għassa ta' l-Imsida, li kienet instabet vending machine ta' kulur aħdar wara l-Black Pearl fil-baħar. Aħna ġejna nfurmati minn wieħed mill-ħaddiema tal-Marina stess. X'ħin bdiet l-investigazzjoni kien ġie wkoll il-manager tal-Marina Palace Elderly Home fejn dan irrapporta li waħda mill-vending machines tiegħu, li tinstab fuq barra, ma kienetx hemm u kienet misruqa. Ovvjament bl-għajnuna ta' l-AFM, il-vending machine ittellgħet ukoll mill-baħar fejn ittieħdet ġewwa l-Għassa tas-Sliema għal aktar investigazzjoni. Bħala involviment tiegħi wkoll dort l-area ta' fejn instabet il-vending machine fil-baħar u nnutajt li kien hemm diversi CCTV cameras u dawn inġabru kollha għall-fini t'investigazzjoni. Fl-istess filmati ġie jidher ukoll vann żgħir abjad u jekk minix sejra żbaljata tliet persuni kien hemm involuti fejn dehru ċar joħorġu l-vending machine minn wara u jitfugħha fil-baħar u ovvjament din l-informazzjoni għaddejtha kollha dak iż-żmien lill-Ispettur Mark Mercieca li kien għadu Spettur tas-Sliema.*

**Mutur ta' l-għamla Kawasaki bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 u ħsara fil-vettura ta' l-għamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Reġistrazzjoni SAS-060:**

**Stephen Agius**[145] xehed illi fit-28 ta' Awwissu 2018 għamel rapport mal-Pulizija u fir-rigward iddikjara *r-rapport li sar kien meta ġie l-ġar mix-xogħol u ċempilli qalli għandek il-karozza fin-nofs tal-garaxxijiet, garaxx miftuħ u mixgħul, għajjattli, ma sabx illi qiegħed hemmhekk u ċempilli u nżilt nsib il-karozza fin-nofs tal-garaxxijiet, il-garaxx mixgħul u nsib il-Kawasaki nieqes, 2 crash helmets, baseball bat u tool box ukoll u jiena ovvjament ċempilt lill-Pulizija biex nagħeml ir-rapport. Il-karozza jiġifieri kienet quddiem il-garaxx u biex neħħewha ġibdu l-bieba biex ikunu jistgħu jressquha biex ikunu jistgħu jiftħu l-garaxx.* Agius iddikjara li l-mutur kien jiswa' madwar €5,000 u li n-Numru tar-Reġistrazzjoni skontu kien KZZ-750 iżda ma kienx ċert peress li kellu iktar muturi apparte dak misruq. Sussegwentement il-Pulizija mill-Għassa taż-Żejtun kienu għamlu kuntatt miegħu biex jinfurmawh li l-mutur kien instab ġo xi għelieqi. Huwa kkonferma li l-mutur li nstab mill-Pulizija huwa l-mutur tiegħu li kien insteraqlu u li meta nstab kellu xi ħsarat iżda ma għamilx stima ta' dawn il-ħsarat.

144 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2019, fol. 406 u 407 tal-proċess.
145 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, fol. 205 sa' 207 tal-proċess.

Il-Pulizija esebiet ir-rapport li għamel Stephen Agius bħala Dok. "GV6" a fol. 126 sa' 132 tal-proċess. Dan ir-rapport ġie kkonfermat minn **PS950 Alan Buhagiar** fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-1 ta' April 2019[146], fejn xehed illi b'referenza għal dak rappurtat minn Stephen Agius *minn ġol-garaxx kienu ttieħdu mutur ta' l-għamla Kawasaki 750 bin-numru tar-reġistrazzjoni KAS-750 li kien biċ-ċwievet fl-ignition ġol-garaxx imsakkar. Fuq din l-informazzjoni, jiena flimkien mal-kollega tiegħi inżilna fuq il-post u minn stħarriġ preliminari li għamilna rriżulta li persuna jew persuni mhux magħrufa fetħu s-shutter b'xi sistema elettronika peress li fuq il-biebe ma ġie nnotat l-ebda żgass. Fuq il-post ukoll ġie osservat ukoll vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni SAS-060 kellha l-bieba tan-naħa tal-passiġġier illievata u mgħawġa l-barra u minħabba hekk kienet imressqa minn quddiem il-bieb tal-garaxx misruq. Il-kwerelant stqarr li wara li ċċekkja l-garaxx peress li kellu diversi għodod, huwa ma sab xejn nieqes għajr l-imsemmi mutur. Jiena staqsejtu dwar ir-remotes tas-shutter u hu stqarr li kellu tnejn u t-tnejn li huma kienu fil-pussess tiegħu. Staqsejtu jekk jissusspettax f'xi ħadd u hu wieġeb fin-negattiv u ċċekkjajna fl-akkwati jekk hemmx xi cameras imma ma kienx hemm. Ta' min isemmi li ġol-vettura kien instab furamtur li ma kienx tas-sid u ġie mgħoddi lill-Ispettur Spiteri. Ġol-garaxx imsemmi ġew osservati 2 muturi oħra biss però ma ntmessux. Niftakar kien hemm ħanut tal-grocer dakinhar filgħodu u kont kellimtu, ċertu Christ Borg, fejn min-naħa tiegħu qalli li huwa kien mar il-ħanut għall-ħabta tal-5:30 u minn ġol-ispralli seta' jinnota d-dawl tal-garaxx jiġifieri fil-5:30 ta' filgħodu s-serqa kienet diġa saret. Rigward is-serqa tal-mutur aħna ċċirkolajna l-messaġġ tagħna mal-Control Room fejn navżaw l-Għases biex forsi jinstab dan il-mutur. Imbagħad niftakar li għaddew xi jumejn jew tlieta u niftakar li kien ġie l-vittma jsibni l-Għassa u qalli Surġent, għaliex dak il-ħin ma kienx innota, u qalli li sab 2 helmets neqsin, baseball bat u kaxxa bl-għodda.*

Dak affermat minn PS950 Alan Buhagiar ġie kkonfermat minn **PC548 Joseph Christian Bajada** fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2019[147].

**PC959 Daniel Formosa[148]** xehed li fit-13 ta' Settembru 2018 huwa ġie nkarigat mill-Ispettur Roderick Spiteri sabiex jaċċedi ġewwa żona magħrufa bħala "Ta' Ġebel", San Martin, Żejtun, sabiex ikun jista' jagħmel xogħol ta' scene of crime in konnessjoni ma' mutur ta' l-għamla Kawasaki ZR7 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 li kien qiegħed hemm, mgħotti u mdaħħal mas-sigar. L-imsemmi PC959 Daniel Formosa għamel xogħol ta' fotografija u ppreżenta r-rapport tiegħu markat Dok. "DF" a fol. 496 sa' 506 tal-proċess.

Dak kollu affermat minn PS950 Alan Buhagiar u minn PC959 Daniel Formosa ġie ikkonfermat mill-**Ispettur Roderick Spiteri** fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[149]. Ikkonferma li l-Pulizija tat-Taqsima tal-Forensika ġew infurmati li kien hemm filmati li setgħu jkunu ta' għajnuna f'dan il-każ u ntalbu jiġbru l-istess. Ippreżenta wkoll il-formatur li nstab fuq il-post tas-serqa u dan ġie Esebit bħala Dok. "RS" a fol. 506 tal-proċess, u li ġie mgħoddi lilu wara li l-Pulizija tat-Taqsima tal-Forensika nfurmawhom li ma setgħux jiġu elevati impronti diġitali minn fuqu.

**Xhieda Clive Agius:**

---

[146] Fol. 461 u 462 tal-proċess.
[147] Fol. 481 u 482 tal-proċess.
[148] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019, fol. 444 u 445 tal-proċess.
[149] Fol. 504 u 505 tal-proċess.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil **Clive Agius**[150] li kien it-tielet persuna involuta f'numru mis-serqiet mertu ta' dawn il-proċeduri u li tressaq separatament mill-imputati odjerni, ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih u ġie sentenzjat. Fir-rigward tas-serqiet mertu tal-proċeduri odjerni Clive Agius iddikjara li:

(1)Fis-serqa tal-vending machine kien hemm hu flimkien ma' l-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi;
(2)Fis-serqa ta' l-għodda minn ġewwa l-vettura Toyota Liteace fi Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, bejn is-26 u 27 ta' Awwissu 2018, l-għodda instabet għandu u kien hemm hu involut flimkien ma' l-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi;
(3)Fis-serqa tal-mutur bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 huwa ma kienx involut;
(4)Fir-rigward tal-ħsarat kawżati lill-vettura ta' l-għamla Seat Ibiza bin-Numru ta' Reġistrazzjoni SAS-606, huwa ma kienx involut;
(5)Fis-serqa tal-vettura ta' l-għamla Isuzu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 minn Triq il-Bwieraq, Birkirkara, bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, kien bih hu u nqabad ġo fih flimkien ma' l-imputat Clint Cauchi;
(6)Fis-serqa tal-vettura Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 minn Triq Joseph Deacon, Birkirkara, fit-22 ta' Awwissu 2018, huwa ma kienx involut;
(7)Fis-serqa tal-vettura Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 minn Triq Santa Ubaldeska, Raħal Ġdid, kien serqaha hu u in segwitu kien instab l-imputat Mario Farrugia fih;
(8)Fis-serqa tal-vettura ta' l-għamla Mazda Demio, kien seraqha hu u l-imputati f'dawn il-proċeduri ma kellhom xejn x'jaqsmu magħha;
(9)Fis-serqa tal-vettura ta' l-għamla Toyota Liteace, kien seraqha hu minn Marsaxlokk u l-imputati f'dawn il-proċeduri ma kellhom xejn x'jaqsmu magħha;
(10)Fis-serqa ta' għodda minn vann ġo Triq il-Wied, Birkirkara, kien involut hu flimkien ma' Clint Cauchi.

Fir-rigward tal-vetturi li nstabu fil-garaxx il-Gżira, Clive Agius iddikjara li dawk kien jagħmel użu minnhom hu għaliex dak iż-żmien kien bla karozza.

**Traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati:**

**Dr. Lennox Vella**[151] ippreżenta t-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijia awdjo-viżwali ta' l-imputat Clint Cauchi fit-2 ta' Settembru 2018[152] u fl-20 ta' Settembru 2018[153] u l-imputat Mario Farrugia fit-2 ta' Settembru 2018[154] u fid-19 ta' Ottubru 2018[155].

**Espert ta' l-Impronti Diġitali:**

**L-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joe Mallia** ħa l-impronti diġitali u l-marki tal-pali ta' l-imputat Clint Cauchi waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019[156] u ħa l-impronti diġitarli u l-marki tal-pali ta' l-imputat Mario Farrugia waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2019[157]. Wara li irtira mill-atti w eżamina l-istess impronti u marki tal-pali

[150] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019, fol. 567 sa' 573 tal-proċess.
[151] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, fol. 164 tal-proċess.
[152] Fol. 166 sa' 178 tal-proċess.
[153] Fol. 191 sa' 194 tal-proċess.
[154] Fol. 179 sa' 190 tal-proċess.
[155] Fol. 195 sa' 197 tal-proċess.
[156] Vide xhieda mogħtija mill-Espert Joe Mallia waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019, fol. 656 tal-proċess.
[157] Vide xhieda mogħtija mill-Espert Joe Mallia waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2019, fol. 582 tal-proċess.

ta' l-imputati kif ukoll il-lifters esebiti a fol. 254 sa' 281 tal-proċess, 282 sa' 293 tal-proċess, 512 sa' 543 tal-proċess, 150 sa' 154 tal-proċess u 155 sa' 161 tal-proċess, l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joe Mallia ppreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JM" a fol. 588 sa' 630 tal-proċess. Mir-Relazzjoni ta' l-imsemmi Espert irriżulta li l-uniku riskontru posittiv bejn l-impronti zviluppati u elevati bil-lifters minnu eżaminati u l-impronti diġitali u l-marki tal-pali ta' l-imputati kienet impronta tas-saba' taċ-ċurkett ta' l-id il-leminija ta' Clint Cauchi wara komparazzjoni bejn l-ewwel impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 18 CBC 302 u l-formola ta' l-impronti diġitali ta' l-imputat Clint Cauchi, relattivament għas-sejba tal-vettura ta' l-għamla Isuzu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 fit Triq il-Bwieraq, Birkirkara.

Għal kull buon fini jiġi osservat li mir-rapport ta' PC1491 Kurt Attard jirriżulta li l-impronta elevata bil-lifter 18 CBC 302 ittieħdet minn fuq il-ħġieġa tal-passiġġier ta' quddiem tax-xellug minn barra tal-vettura ta' l-għamla Isuzu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341.

Fir-rigward tal-komparazzjonijiet l-oħra li saru fir-rigward tad-diversi allegati serqiet mertu ta' dawn il-proċeduri, ir-riżultati kienu jew fin-negattiv jew inkella ma kienx hemm riskontri suffiċjenti biex isir eżami ta' komparazzjoni.

**Espert tad-DNA:**

**L-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar** ippreżentat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "MC" a fol. 577 sa' 581 tal-proċess u minn analiżi ta' dokumenti 18CBE201 - kampjun elevat minn fuq l-isteering wheel tal-vettura, 18CBE202 - kampjun elevat minn fuq il-'gear knob' tal-vettura u 18CBE204 - par ingwanti ta' lewn iswed elevati minn fuq id-dashboard tal-vettura Toyota JBN-396 (ossia tal-vettura li fiha nstab l-imputat Mario Farrugia u li fuqha kellha mwaħħla l-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru JBN-396), ikkonkludiet li *mill-kampjuni 18CBE201 u 202 u mill-ingwanti '18CBE204S1-barra', '18CBE204S2-ġewwa' u '18CBE204S2-barra' ħareġ profil ġenetiku mħallat. Mill-ingwanta 18CBE204S1-ġewwa ħareġ profil ġenetiku ta' raġel.*

Wara li fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020[158], l-Espert ta' DNA Dr. Marisa Cassar ġabret kampjuni orali ta' l-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi għall-fini ta' analiżi ta' komparazzjoni, hija ppreżentat ir-Relazzjoni ulterjuri tagħha markata Dok. "MC" a fol. 699 sa' 704 tal-proċess. L-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar ikkonkludiet illi *l-kampjuni li ħarġu minn 201 u 202*, ossia kampjun elevat minn fuq l-isteering wheel tal-vettura li fiha nstab l-imputat Mario Farrugia meta ġie arrestat u kampjun elevat minn fuq il-'gear knob' tal-vettura imsemmija - *il-profili ġenetiċi jaqblu ma' ta' Mario Farrugia u waħda mill-ingwanti minn barra* - ossia waħda mill-ingwanti li instabu minn fuq id-dashboard tal-vettura - *ma' ta' Clint Cauchi.*

**Espert Tekniku:**

**L-Espert Tekniku John Sacco** ppreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 639 sa' 679 tal-proċess. Wara li eżamina: (a) l-filmati fuq Dok. "WC3" - li kien ġie esebit mill-Ispettur Wayne Camilleri relattivament għas-serqa tal-mutur ta' l-għamla Kawasaki bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 u oġġetti oħra u ħsara fil-vettura ta' l-għamla Seat Ibiza bin-Numru tar-Reġistrazzjoni SAS-060 mertu tar-rapport tal-Pulizija

[158] Fol. 692 tal-proċess.

8/S/1709/2018 magħmul minn Stephen Agius; (b) il-filmati fuq Dok. "WC4" - li kien esebit mill-Ispettur Wayne Camilleri relattivament għas-serqa ta' għodda minn vettura fi Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, mertu tar-rapport tal-Pulizija 8/R/3675/2018 magħmul minn Petar Vukovic u Giovanni Gauci; (ċ) il-filmati fuq Dok. "WC5" - li kien ġie esebit mill-Ispettur Wayne Camilleri relattivament għas-serqa tal-vettura ta' l-għamla Isuzu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 minn Triq il-Bwieraq, Birkirkara, mertu tar-rapport lill-Pulizija 8/R/3708/2018 magħmul minn Joseph Mifsud; u (d) il-filmati Dok. "AF" - li kien ġie esebit minn PS1146 Antoine Fenech relattivament għas-serqa tal-vann bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAS-771 mertu tar-rapport tal-Pulizija 5/J/1663/2018 magħmul minn Christopher Buhagiar, entro l-ħinijiet u parametri indikati mill-Prosekuzzjoni fin-Nota esebita a fol. 633 u 634 tal-proċess, l-Espert Tekniku John Sacco kkonstata s-segwenti u ħareġ stills relattivi: *Dok. WC4 - mis-subfolder "Suspected Peugeot" fil-folder theft of tools: Fuq Camera 01 bejn 17:41:12 u 17:42:17 ta' 08-26-2018 Sun (CCTV time) jidhru żewġ persuni joħorġu minn vettura li tipparkja viċin ta' vann, jaqsmu t-triq u jitilgħu taraġ għal triq oħra (JS1, fol. 3 sa' 5). Mill-loose files fil-folder "Theft of tools": Fuq Camera: 01 jidhru żewġ persuni iduru ma' vann ipparkjat fil-23:38:24 ta' 08-26-2018 Sun (CCTV time): JS1, fol. 6. Mis-sub-folder "Theft" fil-folder "Theft of Tools": Fuq Camera 01 bejn 03:03:57 u 03:53:16 ta' 08-27-2018 Mon (CCTV time) tidher persuna tasal b'vann u tnejn oħra jaslu b'vettura jgħabbu oġġetti minn vann ipparkjat għal ġo vann li ġie bih wieħed mill-persuni imsemmija qabel. Żewġ persuni jirkbu fil-vann li wasal u persuna oħra tirkeb fil-vettura li waslet u jsuqu 'l hemm (JS1, fol. 7 sa' 13). Dok. WC5 - fuq Camera 3 u Camera 2 bejn 02:07:35 u 02:07:43 ta' 29/08/2018 (CCTV time) jidher vann għaddej (JS1, fol. 14, 15). Fuq Cam 01 u Cam 02 bejn 02:38:43AM u 02:39:05AM (CCTV time) jidhru żewġ persuni mexjin minn ħdejn vann ipparkjat u wieħed mill-persuni jipprova jiftaħ il-bieba tal-istess vann (JS1, fol. 16, 17). Dok AF - fuq CCTV camera immarkata "Gate": Bejn 02:37:48 u 02:45:04 ta' 30/08/2018 Thu (CCTV time) tidher persuna tiftaħ bieba tal-lemin ta' vann ipparkjat, persuna oħra timbotta il-vann minn quddiem, imbagħad il-persuna fetaħ il-bieba jitlaq bil-vann u l-persuna l-oħra titlaq ukoll. Fuq CCTV CAmera 1 bejn 02:37:49 u 02:45:09 ta' 30/08/2018 Thu (CCTV time) tidher persuna timbotta vann ipparkjat li tiġi megħjjuna minn persuna oħra li tasal b'vann ieħor. L-ewwel persuna imsemmija hawn tidħol fil-vann ipparkjat u issuq 'l hemm u l-oħra titlaq bil-vann li waslet fih (JS1, fol. 24 sa' 28).*

## L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien:

Bis-seba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati **flimkien**, l-imsemmija imputati qed jiġu mixlija b'diversi reati ta' serq ikkwalifikat kif ukoll b'reati ta' ħsara volontarja. Fin-Nota ta' Rinvju għall-Ġudizzju datata 1 ta' Ottubru 2020[159], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsub taħt is-segwenti artikoli tal-Liġi:

- L-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa immedjatament evidenti li l-Avukat Ġenerali mkien ma ċċita l-artikolu tal-liġi relattiv għar-reat ta' ħsara volontarja u fid-dawl ta' dan il-fatt il-Qorti hija prekluża milli tikkonsidra t-tielet u s-sitt imputazzjonji dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien.

[159] Fol. 719 u 720 tal-proċess.

Hawn issir referenza għall-prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *meta … ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[160].

Fid-dawl ta' dak hawn appena osservat għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien. Jifdal għalhekk li jiġu kkunsidrati r-rimanenti imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien.

Bl-**ewwel imputazzjoni** l-imputati flimkien qed jiġu mixlija bis-serq ta' vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 minn ġewwa l-Ħamrun fil-lejl ta' bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u 23 ta' Awwissu 2018 a dannu ta' Mario Xuereb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Qorti tqis li għalkemm il-Prosekuzzjoni tramite ix-xhieda minnha prodotti fir-rigward irnexxielha tipprova li l-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 insterqet mill-Ħamrun fil-lejl ta' bejn it-<u>22 ta' Awwissu 2018 u t-23 ta' Awwissu 2018</u>, **u** għalkemm ukoll tramite l-filmati esebiti mill-Ispettur Wayne Camilleri markati Dok. "WC4" u r-Relazzjoni ta' l-Espert Tekniku John Sacco, il-Prosekuzzjoni rnexxileha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li fil-lejl ta' bejn is-<u>26 ta' Awwissu 2018 u s-27 ta' Awwissu 2018</u> l-imputat Mario Mifsud kien qed jagħmel użu mill-vettura in kwistjoni sabiex wettaq reat flimkien ma' l-imputat Clint Cauchi u terza persuna, liema reat ser jiġi trattat iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-vettura in kwistjoni effettivament kienet insterqet mill-imputati flimkien jew min minnhom. Ma tressqet assolutament l-ebda prova li tpoġġi lill-imputati flimkien jew min minnhom fil-lok ta' fejn insterqet il-vettura dakinhar li nsterqet u frankament ma tressqet l-ebda prova oħra li b'xi mod torbot lill-imputati jew min minnhom mar-reat tas-serq tal-vettura in kwistjoni.

Il-Qorti tosserva li għalkemm l-Ispettur Christina Delia xehdet[161] illi *fir-rigward ta' l-akkuża numru 2 u l-akkuża numru 4 dehru l-imputati fil-filmat. Fit-tieni akkuża jidhru qegħdin jarmu l-vending machine li ġiet misruqa, fil-baħar ġewwa Ta' Xbiex kif ukoll jidher li* ***dak il-ħin kienu qegħdin jagħmlu użu mill-vettura li nsterqet l-istess lejl li hija l-vettura msemmija fl-akkuża numru 1***[162] , l-uniku footage li juri vending machine huwa datat 2017 u għaldaqstant ma jistax jingħad li jikkombaċja

[160] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.
[161] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020, fol. 109 u 110 tal-proċess.
[162] Enfasi tal-Qorti.

mal-każ in eżami u wisq inqas li huwa prova ai termini tal-Liġi tal-ħtija ta' l-imputati jew min minnhom tar-reat ta' serq tal-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681.

Detto ciò bil-fatt li l-imputat Mario Farrugia kjarament kellu fil-pussess tiegħu, u dana mingħajr ma ngħatat raġuni jew spjegazzjoni valida, il-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 ftit ġranet biss wara li l-istess ġiet rappurtata misruqa minn sidha u addirittura kien qed jagħmel użu minnha għat-twettiq ta' reat ieħor flimkien ma' l-imputat Clint Cauchi u terza persuna oħra, din il-Qorti tqis li tista' ssib lill-imsemmi imputat Mario Farrugia ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-vettura in kwistjoni ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tar-reat ta' riċettazzjoni l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Darren Debono, Appell Kriminali Nru. 245/08** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2009, fejn ġie osservat illi *skond il-ġurisprudenza sabiex persuna tinstab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru s-segwenti tlitt rekwiżiti u cioè: 1. Il-provenjenza lleġittima ta' l-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor; 2. L-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġetti li għandu provenjenza lleġittima; u 3. Fil-mument ta' l-akkwist, l-akkużat kien jaf bil-provenjenza lleġittima ta' l-oġġett in kwistjoni (ara App. Krim. "Il-Pulizija v. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija v. Giovanni Grima" [25.10.2022]). L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkużat kien konsapevoli tal-provenjenza lleċita ta' l-oġġett suġġett tar-riċettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji.*

Apparte dawn l-elementi, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ossia fejn l-imputat Mario Farrugia nstab fil-pussess tal-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 ftit ġranet biss wara li l-istess ġiet rappurtata misruqa minn sidha, u dana waqt li kien qed iwettaq reat ieħor, il-Qorti tqis li ssib applikazzjoni t-teorija tal-pussess reċenti ta' oġġetti misruqa, ossia *the theory of unlawful possession of recently stolen goods*.

Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg, Appell Nru. 3/2020** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2020, fejn ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et" ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998: *it-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti (Vol. LXXIII 1998 Part IV fol. 322). Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126. "There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom, and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v. Loughlin, 35 Cr. App. R 69; R. Seymour 38 Cr App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery. In R v. Smythe 72 Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross*

*on Evidence 5th ed., p. 49 (now 8th ed. p.35). If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue. <u>Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury</u>. <u>However, that applies where recent possession is literally the only evidence</u>. <u>The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence that tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence'</u>[163]. … Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur David Saliba v. Jesmond Gatt*[164] *ġie ikkunsidrat li "Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Practice 1996 pg.18 para F3.28 jiddisponi s-segwenti: "<u>In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced in untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly</u>*[165]*". Cross and Tapper fil-ktieb tagħhom "Evidence" paġna 35 jagħti l-istess spjegazzjoni għat-teorija in eżami u cioè huma jgħidu s-segwenti:- "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen". … Dwar il-ħin neċessarju sabiex il-pussess jissejjaħ riċenti l-Qorti tagħmel referenza għall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil Cross and Tapper li jgħidu s-segwenti: "It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict". Archbold fl-opera fuq ċitata jgħid:- "Relevant factors include the nature of the property, its salability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged". Din it-teorija tal-pussess riċenti tal-ħaġa misruqa ilha għal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tiġi aċċettata u addottata mill-Qrati tagħna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v.*

[163] Sottolinear tal-Qorti.
[164] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2001.
[165] Sottolinear tal-Qorti.

*Silvano Cilia" deċiża fil-wieħed u tletin ta' Mejju 2000. Din it-teorija kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija nhar il-ħdax ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Freddie sive Alfred Zahra" qiegħda hemm sabiex jiġi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li għandu fl-ewwel lok jiġi ppruvat li sar, u is-suspettat li għandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-ħin jew żmien wara s-serqa, nexus li purche jiġu stabbiliti r-rekwiżiti kollha ta' din it-tejorija jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq ta' l-oġġett misruq għandu ftit tal-ħin wara s-serqa. Jingħad hawnhekk li l-imputat la fl-istqarrija tiegħu u lanqas fix-xhieda li ta l-Qorti viva voce ma jagħti spjegazzjoni ta' kif fil-fatt ġie fil-pussess taċ-ċekkijiet misruqa. Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta' fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha mingħajr dubbju ta' xejn tipprova li l-imputat kien fil-pussess taċ-ċekkijiet misruqa f'ċirkostanzi dubbjużi waqt li l-imputat ma offra l-eba spjegazzjoni fl-ebda ħin.*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tirribadixxi li fin-nuqqas ta' prova li kjarament torbot lill-imputat Mario Farrugia mas-serq tal-vettura in kwistjoni, ad eżempju l-presenza tiegħu fl-akkwati ta' fejn insterqet l-istess vettura, Hija ma tistax u ma għandhiex issib lill-imsemmi imputat ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat tal-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681, iżda fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fihom l-imsemmi imputat Mario Farrugia nstab fil-pussess ta' din il-vettura ftit tal-ġranet biss wara li nsterqet, Hija tista' u għandha ssibu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-vettura in kwistjoni.

In kwantu rigwarda l-imputat Clint Cauchi, il-Qorti ma tħossx li tista' ssibu ħati ta' reat konċernanti l-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681, la dak ta' serq ikkwalifikat u lanqas dak ta' riċettazzjoni. Apparte l-fatt li ma hemm l-ebda prova li torbot lill-imputat Cauchi mas-serq tal-vettura in kwistjoni, għalkemm huwa kien flimkien ma' l-imputat Mario Farrugia fil-kommissjoni tar-reat fejn l-imsemmi Farrugia kellu fil-pussess tiegħu u kien qed juża l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681, l-imputat Clint Cauchi wasal fuq il-post b'vettura oħra u separata minn dik li kellu l-imputat Mario Farrugia. Għaldaqstant il-Qorti tirribadixxi li fiċ-ċirkostanzi ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat Clint Cauchi ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat u/jew tar-reat ta' riċettazzjoni tal-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681.

Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-artikolu tal-Liġi li jittratta dwar ir-reat ta' riċetazzjoni, ma ġiex indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ppreżentata fl-1 ta' Ottubru 2020[166], il-Qorti xorta waħda tista' ssib lill-imputat Mario Farrugia hekk ħati ta' tali reat in bażi għal dak provdut fl-Artikolu 476(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *Jekk persuna fuq akkuża tas-serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta' xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta' dik l-akkuża, il-ġuri jista' jiddikjaraha ħatja ta' misapproprazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett jekk ikun hemm provi ta' dan; u, reċiprokament persuna fuq akkuża ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 tista' tiġi iddikjarata ħatja ta' serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta' l-oġġett involut jekk ikun hemm provi ta' dan: Iżda l-piena ma għandha f'ebda każ tkun aktar gravi minn dak mitluba fl-att ta' l-akkuża.*

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien, huma qed jiġu mixlija bis-serq ta' vending machine minn ġewwa l-Imsida fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta'

[166] Fol. 719 u 720 tal-proċess.

Awwissu 2018, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37 għad-dannu ta' Etienne Mifsud u/jew persuni oħra.

Il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari jikkonsistu fix-xhieda ta' l-Ispettur Mark Mercieca, ta' WPS256 Leanne Sant u ta' Clive Agius.

Mill-investigazzjonijiet li għamlu l-Ispettur Mercieca u s-Surġent Sant, irriżulta li f'xi ħin bejn it-3:00a.m. u l-4:00a.m. ta' filgħodu tat-23 ta' Awwissu 2018 kienet insterqet vending machine minn ħdejn id-dar ta' l-anzjani l-Msida u li sussegwentement din il-vending machine kienet instabet fil-baħar fl-akkwati tal-Black Pearl, Ta' Xbiex. Għalkemm xehdu li minn filmati li raw jidhru tlett persuni f'dak il-lejl joħorġu l-vending machine minn ġo vann abjad ta' l-għamla Toyota u jitfgħuha l-baħar, huma ma taw l-ebda identifikazzjoni ta' dawn it-tlett persuni u l-filmati ma humiex in atti.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Clive Agius illi skond il-Prosekuzzjoni kien involut flimkien ma' l-imputati Clint Cauchi u Mario Farrugia f'diversi serqiet u kien tressaq in konnessjoni ma' l-istess separatament, ġie proċessat u debitament sentenzjat għall-involviment tiegħu fihom. Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019[167], Clive Agius iddikjara li Mario Farrugia u Clint Cauchi kienu entrambe involuti fis-serq ta' din il-vending machine flimkien miegħu iżda huwa għaraf biss lill-imputat Clint Cauchi u mhux ukoll lill-imputat Mario Farrugia. In effetti l-imputat Mario Farrugia, li ma kienx preżenti dakinhar illi xehed Clive Agius[168], baqa' qatt ma ġie formalment identifikat minn Clive Agius bħala l-istess persuna li kien qed jagħmel referenza għaliha hu fix-xhieda tiegħu u għaldaqstant il-Qorti ma tistax għajr li tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat Mario Farrugia għas-serq tal-vending machine.

L-istess ma jistax jingħad fir-rigward ta' l-imputat Clint Cauchi illi mix-xhieda ta' Clive Agius irriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li kien involut miegħu fis-serq tal-vending machine in kwistjoni.

In kwantu rigwarda kwalifiki għar-reat addebitat bit-tieni imputazzjoni, ossija l-kwalifiki tal-ħin u tal-valur li jeċċedi is-somma ta' €2,329.37, il-Qorti tosserva li mix-xhieda ta' l-Ispettur Mark Mercieca, li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod, irriżulta li l-vending machine nsterqet fis-siegħat bikrin ta' filgħodu tat-23 ta' Awwissu 2018, senjatament bejn it-3:00a.m. u l-4:00a.m. Madanakollu però mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' dan ir-reat partikolari, ma tressqet assolutament l-ebda prova dwar il-valur, la tal-vending machine nnifisha u lanqas ta' dak li seta' kien hemm fiha. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk tqis li filwaqt li l-kwalifika tal-ħin tirriżulta ppruvata, il-kwalifika tal-valur, b'mod partikolari li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, ma tirriżultax ippruvata.

Għaldaqstant filwaqt li l-imputat Mario Farrugia ma għandux jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Clint Cauchi, l-imsemmi imputat Clint Cauchi għandu jinstab ħati ta' tali imputazzjoni, ossia għandu jinstab ħati tar-reat ta' serq tal-vending machine minn ġewwa l-Imsida fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Awwissu 2018, limitatament però għall-kwalifika tal-ħin.

[167] Fol. 567 sa' 572 tal-proċess.
[168] Vide verbal tas-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019 a fol. 563 u 564 tal-proċess.

Bir-**raba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati flimkien qed jiġu mixlija bis-serq ta' għoddod minn ġewwa Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Awwissu 2018 u s-27 ta' Awwissu 2018, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Petar Vukovic u/jew persuni oħra.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Giovanni Gauci illi xehed li fis-27 ta' Awwissu 2018 huwa kien irrapporta s-serq ta' għoddod minn vann li kellu pparkajt barra l-uffiċċju tiegħu u xehed illi parti mill-għoddod sussegwentement instabu, iżda xi affarijiet oħra, għall-valur ta' bejn €1,000/€2,000, baqgħu ma nstabux. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll ir-rapport li kien għamel Giovanni Gauci flimkien ma' ċertu Petar Vukovic li minnu jirriżulta li ikkonfermat dak dikjarat minn Gauci fix-xhieda tiegħu.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud ukoll lill-Ispettur Wayne Camilleri li ppreżenta filmat - Dok. "WC4" - relattiv għar-rapport magħmul minn Petar Vukovic u Giovanni Gauci. Dan il-filmat ġie eżaminat u analizzat mill-Espert Tekniku John Sacco, illi ħareġ diversi stills relattivi u kkonstata li *mis-subfolder "Suspected Peugeot" fil-folder theft of tools: Fuq Camera 01 bejn 17:41:12 u 17:42:17 ta' 08-26-2018 Sun (CCTV time) jidhru żewġ persuni joħorġu minn vettura li tipparkja viċin ta' vann, jaqsmu t-triq u jitilgħu taraġ għal triq oħra (JS1, fol. 3 sa' 5). Mill-loose files fil-folder "Theft of tools": Fuq Camera: 01 jidhru żewġ persuni iduru ma' vann ipparkjat fil-23:38:24 ta' 08-26-2018 Sun (CCTV time): JS1, fol. 6. Mis-sub-folder "Theft" fil-folder "Theft of Tools": Fuq Camera 01 bejn 03:03:57 u 03:53:16 ta' 08-27-2018 Mon (CCTV time) tidher persuna tasal b'vann u tnejn oħra jaslu b'vettura jgħabbu oġġetti minn vann ipparkjat għal ġo vann li ġie bih wieħed mill-persuni imsemmija qabel. Żewġ persuni jirkbu fil-vann li wasal u persuna oħra tirkeb fil-vettura li waslet u jsuqu 'l hemm (JS1, fol. 7 sa' 13).* Meta l-Qorti eżaminat il-filmati in kwistjoni setgħet tagħraf bl-ebda ombra ta' dubju lill-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi illi kjarament fetħu vann li kien ipparkjat fi Triq il-Wied ta' l-Imsida, Birkirkara, bdew jieħdu affarijiet minn ġo dak il-vann u jgħabbuhom fil-vann li wasal bih l-imputat Mario Farrugia. Għal kull buon fini hawn jiġi osservat li kif osservat iktar 'l fuq, il-vann misjuq mill-imputat Mario Farrugia f'din l-okkazzjoni kien il-vann ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 misruq mill-Ħamrun.

In kwantu rigwarda l-elementi r-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi.*

*Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' mispproprjazzjoni. Fil-fatt, kif gia ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi flimkien għandhom jinstabu ħatja tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.

Bil-**ħames imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi flimkien qed jiġu mixlija bir-reat ta' serq ta' mutur ta' l-għamla Kawasaki bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KAS-750 u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi €2,329.37, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Stephen Agius.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari, il-Qorti tosserva li għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Stephen Agius, il-proprjetarju tal-mutur in kwistjoni, li kkonferma li xi ħadd kien seraqlu l-mutur mill-garage li kien ipparkjat fih, għalkemm ukoll ġie ppreżentat filmat - Dok. "WC3" - ta' CCTV cameras fl-akkwati tal-garage fejn kien il-mutur u għalkemm dan l-istess mutur in segwiu instab moħbi taħt is-sigar f'għalqa ġewwa ż-Żejtun, mill-provi kollha prodotti ma jirriżulta assolutament xejn li jorbot lill-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi mas-serq ta' dan il-mutur. Mill-filmat Dok. "WC3" esebit mill-Ispettur Wayne Camilleri u analizzat u eżaminat mill-Espert Tekniku John Sacco, tidher persuna qed toħroġ mill-komun ta' kumpless ta' garaxxijiet iżda din il-persuna ma tista tiġi identifikata bl-ebda mod.

Fiċ-ċirkostanzi, fin-nuqqas ta' provi dwar il-ħtija ta' l-imputati għall-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien, il-Qorti tqis li ma tistax issibhom hekk ħatja ta' tali imputazzjoni dedotta kontrihom.

Bis-**seba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi flimkien qed jiġu mixlija bis-serq ta' vettura ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 bejn it-28 ta' Awwissu 2018 u d-29 ta' Awwissu 2018 minn ġewwa Triq il-Bwieraq, Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, a detriment ta' Joseph Mifsud.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, inkluż ix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia u diversi membri oħra tal-Korp tal-Pulizija, jirriżulta li din il-vettura, ossia Isuzu ta' tip pick-up, bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 kienet instabet minnhom fl-1 ta' Settembru 2018 fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara, b'żewġt irġiel reqdin fiha, wara li ġiet irrappurtata misruqa mill-istess inħawi ftit ġranet qabel. L-irġiel li instabu f'din il-vettura kienu l-imputat Clint Cauchi u Clive Agius.

Sid il-vettura Joseph Mifsud ukoll xehed illi l-Isuzu pick-up tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 kien insteraq fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018 minn quddiem il-garage tal-mechanic tiegħu, ċertu Paul Buhagiar, fi Triq il-Bwieraq, Birkirkara, fatt dan ikkonfermat mill-istess Paul Buhagiar. Mill-filmati esebiti mill-Ispettur Wayne Camilleri li juru l-akkwati ta' fejn kien ipparkjat dan l-Isuzu pick-up bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 - Dok. "WC5" - u eżaminati mill-Espert Tekniku John Sacco, jidhru żewġt irġiel għaddejjin fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu tad-29 ta' Awwissu 2018 jiċċekkjaw il-pumi tal-vetturi huma u għaddejjin minn ħdejhom. Fil-fehma tal-Qorti l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġt irġiel ma huwa l-imputat Clint Cauchi, iżda wieħed minnhom fil-fehma tal-Qorti huwa ċertament l-imputat Mario Farrugia. L-istess żewġt irġiel, ossia l-imputat Mario Farrugia u l-persuna l-oħra, jerġgħu jidhru fil-filmati provduti minn Paul Buhagiar lill-Pulizija u eżaminati mill-Espert Tekniku, jduru fil-viċinanzi ta' fejn kien ipparkjat l-Isuzu pick-up in kwistjoni. Ftit tal-ħin wara li jidhru jduru u jħufu fl-istess post, Isuzu pick-up jidher jinstaq 'l hemm b'ċerta veloċità u Joseph Mifsud ikkonferma li l-vettura li tidher titlaq minn fuq il-post dak il-ħin kienet appuntu l-vettura tiegħu.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti, b'mod partikolari mill-filmati esebiti bħala Dok. "WC5", ma jirriżultax li l-imputat Clint Cauchi jista' jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta kontrih u ta' l-imputat Mario Farrugia flimkien. Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm mir-Realzzjoni ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joe Mallia, irriżultat impronta tas-saba' taċ-ċurkett ta' l-imputat Clint Cauchi mat-tieqa minn barra tal-vettura in kwistjoni, din ma hijiex biżżejjed biex jinstab ħati tar-reat ta' serq u dana billi ladarba huwa nstab rieqed fil-vettura huwa mistenni li jkun hemm impronta tiegħu x'imkien fuq il-vettura. L-imputat Mario Farrugia invece, proprio minn dak li jirriżulta mill-filmati esebiti u analizzati, jista' u għandu jinstab ħati tas-serq tal-vettura ta' l-għamla Isuzu TFS bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 bejn it-28 ta' Awwissu 2018 u d-29 ta' Awwissu 2018 minn ġewwa Triq il-Bwieraq, Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37, bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, konsegwentement għandu jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Clint Cauchi flimkien.

**Imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat Mario Farrugia waħdu:**

L-imputat Mario Farrugia waħdu qed jiġi mixli b'diversi reati ta' serq u/jew riċettazzjoni kif ukoll bil-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'Digriet pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta minn, dak iż-żmien, Maġistrat

Dr. Miriam Hayman. Il-Prosekuzzjoni titlob li f'każ ta' ħtija l-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imputat Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, kif ukoll tirrevoka l-garaznzija personali li fuqha huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest. Titlob ukoll li l-imputat Mario Farrugia jiġi trattat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 1 ta' Ottubru 2020[169], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Mario Farrugia waħdu sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak maħsub taħt is-segwenti:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-**ewwel** u t-**tieni imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Mario Farrguia qed jiġi mixli bis-serq tal-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN396 u/jew oġġetti oħra minn ġewwa Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara, nhar it-22 ta' Awwissu 2018 f'xi ħin filgħodu, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi €2,329.37, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa, a dannu ta' Anthony Sammut u/jew persuni oħra, u, alternattivament, qed jiġi mixli bir-reat ta' riċettazzjoni ta' l-imsemmija vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 u/jew oġġetti oħra.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396 di proprjetà ta' Annetta u Anthony Sammut insterqet minn Triq Joseph A. Deacon, Birkirkara, f'xi ħin kmieni filgħodu nhar it-22 ta' Awwissu 2018. Dan jirriżulta kemm mix-xhieda ta' Annetta u Anthony Sammut kif ukoll mix-xhieda ta' WPS301 Lauren Vella illi investigat il-każ. L-imsemmija WPS 301 Lauren Vella esebiet numru ta' stills meħuda minn filmati ta' CCTV cameras - kuntrarjament għal dak minnha affermat il-filmati *per se* ma ġewx ippreżentati stante li l-pendrive markata Dok. "XV" fiha biss l-istills - li juru persuna tiftaħ il-bieb tal-vettura, tidħol fil-vettura u ssuq 'l hemm. Madanakollu minn dawn l-istills ma jistax jiġi identifikat min hi din il-persuna u b'hekk ma jistax jingħad li l-persuna li tidher fihom huwa l-imputat Mario Farrugia

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia u ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija rriżulta li meta ġie arrestat l-imputat Mario Farrugia nhar l-1 ta' Settembru 2018 fi Triq il-Knisja, Birkirkara, huwa kien ġo vettura ta' l-għamla Toyota Liteace li fuqha kellha il-pjanċi ta' reġistrazzjoni JBN-396 li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li ma kienux il-pjanċi ta' reġistrazzjoni tal-vettura Toyota Liteace iżda kienu l-pjanċi ta' reġistrazzjoni

[169] Fol. 719 u 720 tal-proċess.

tal-vettura Toyota Vitz irrappurtata misruqa minn Annetta u Anthony Sammut. Il-vettura ta' Annetta u Anthony Sammut però baqgħet ma instabet qatt.

Meta dak li jirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi dwar ir-reat ta' serq, fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi dwar ir-reat ta' riċettazzjoni u *the theory of recent possession*, ilkoll già iktar 'l fuq ċitati, u wkoll fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi dwar il-livell ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni, ossia trid tipprova l-ħtija ta' l-imputat lil hinn minn kull dubju raġonevoli, għandu jirriżulta li l-imputat Mario Farrugia ma jistax jinstab ħati tar-reat ta' serq tal-vettura ta' l-għamla Toyota Vitz bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396, u dana billi kif ingħad ma ġiex identifikat min effettivament serq il-vettura, iżda jista' u għandu jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-pjanċi ta' Reġistrazzjoni JBN-396, u mhux ukoll tal-vettura nnifisha stante li l-pussess tal-pjanċi mhux neċessarjament ifisser li l-imputat Mario Farrugia kellu l-vettura in kwistjoni fil-pussess tiegħu wkoll.

Għaldaqstant l-imputat Mario Farrugia ma jistax jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu iżda għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, limitatament però għall-pjanċi ta' reġistrazzjoni JBN-396.

Bit-**tielet u r-raba' imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Mario Farrugia qed jiġi mixli bis-serq ta' vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 minn ġewwa Triq Sant' Ubaldeska ma' Triq il-Palma, Raħal il-Ġdid, bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi €2,329.37, bil-ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa a detriment ta' George Mallia, u, alternattivament bir-reat ta' riċettazzjoni tal-vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 u/jew oġġetti oħra.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rriżulta li l-vettura ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 proprjetà ta' ċertu George Mallia ġiet misruqa bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2018, minn fejn kienet ipparkjata fil-kantuniera bejn Triq Sant' Ubaldeska u Triq il-Palma, Raħal il-Ġdid. Dana kollu jirriżulta mix-xhieda ta' l-imsemmi George Mallia kif ukoll mix-xhieda ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija involuti fl-investigazzjonijiet relattivi.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Christina Delia u ta' diversi uffiċjali tal-Pulizija rriżulta ukoll li dakinhar li l-imputat Mario Farrugia ġie arrestat, ossia fl-1 ta' Settembru 2018, huwa nstab fil-vettura ta' l-għamla Toyota Liteace li għandha Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262, għad illi dakinhar fuqha kien hemm imwaħħlin l-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-nurmu JBN-396, li kif ingħad iktar 'l fuq kienu l-pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vettura oħra li wkoll ġiet irrappurtata nieqsa. Il-pjanci ta' reġistrazzjoni bin-numru FBC-262 instabu fil-kumpless ta' garaxxijiet ta' Savoy Gardens, Triq Luqa Briffa, Gżira, imwaħħla ma' vettura li għandha n-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734.

Peress illi f'dan il-każ l-imputat Mario Farrugia nstab fil-pussess tal-vann ta' l-għamla Toyota Liteace bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBC-262 fi żmien qasir wara li dan insteraq, b'applikazzjoni tal-prinċipji ġuridiċi già iktar 'l fuq ċitati dwar *the theory of recent possession* u r-reat ta' riċettazzjoni, il-Qorti tqis li għalkemm ma tistax issib lill-imsemmi imputat ħati tar-reat ta' serq ta' tali vettura u dana billi ma hemm l-ebda prova li turi li l-imputat Mario Farrugia kien fl-akkwati ta' fejn insteraq il-vann dakinhar li nsteraq jew b'mod ieħor tpoġġih fuq xena tas-serqa, tista' u għandha invece ssib lill-imsemmi

imputat Mario Farrugia ħati tar-reat ta' riċettazzjoni dedott fil-konfront tiegħu bir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih waħdu.

Bil-**ħames u sitt imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Mario Farrugia qed jiġi mixli bis-serq ta' vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Nurmu ta' Reġistrazzjoni GBT-734 u/jew oġġetti oħra, minn ġewwa Triq P. Borg Olivier, Birkirkara, bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu 2018, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi €2,329.27, bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misrquaa dannu ta' Mario Scerri u/jew persuni oħra, u, alternattivament bir-reat ta' riċettazzjoni tal-vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 u/jew oġġetti oħra.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, għad illi s-serq tal-vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 jirriżulta ppruvat, bl-ebda mod ma jirriżulta però li l-imputat Mario Farrugia kien involut f'tali serq. Lanqas ma jista' jingħad li huwa ħati ta' riċetazzjoni tal-vettura jew ta' xi oġġetti oħra stante li l-pjanċi bin-numru ta' reġistrazzjoni GBT-734 ma nstabux fil-pussess tiegħu iżda instabu fil-vann li kien fih l-imputat Clint Cauchi u l-vettura nnifisha nstabet f'garage f'Savoy Gardens, Triq Luqa Briffa, Gzira, liema garage hu proprjetà ta' terza persuna, ċertu Clayton Bezzina u ċ-ċwievet ta' l-istess instabu fil-pussess ta' Clive Agius.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-imputat Mario Farrugia ma jistax u ma għandux jinstab ħati tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu waħdu.

Bis-**seba' imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Mario Farrugia waħdu qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Settembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-ġżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioè ħwejjeġ, żraben u/jew oġġetti oħra.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rriżulta li fil-vann li fih instab l-imputat Mario Farrugia dakinhar li ġie arrestat, ossia fl-1 ta' Settembru 2018, instabu diversi oġġetti li kienu ġo vann li kien ġie rrappurtat misruq fil-jiem ta' qabel u oġġetti oħra li kienu ġew irrappurtati misruqa minn ġo vann ieħor, ukoll fil-jiem ta' qabel. Fir-rigward l-Ispettur Christina Delia ddikjarat li *waqt it-tfittxija ġewwa l-vann instabu diversi oġġetti fosthom ħwejjeġ u affarijiet li normalment jinbiegħu fuq il-monti li rriżulta li kienu ġew misruqa ma' vann ieħor li kien ukoll Toyota Liteace li kellu numri ta' reġistrazzjoni DAS-771. Fil-vann instabu wkoll affarijiet li ġew misruqa minn ġewwa Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni DBO-398 mingħalija, fil-każ nikkonfermaha, u kienu ġew misruqin fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu. Dawn l-affarijiet kollha ġew identifikati mis-sidien tagħhom.*

Il-Prosekuzzjoni, tramite x-xhieda ta' Brian Bonello u ta' Christopher Busuttil, ippruvat li fid-19 ta' Awwissu 2018 lil Brian Bonello nsterqitlu ammont ta' għodda minn ġol-vettura tiegħu bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBO-876 u li xi ġimgħat qabel ma ta x-xhieda tiegħu, lil Christopher Busuttil insteraqlu l-vann tal-monti bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DAS-771, bil-merkanija fih. Fir-rigward ta' Christopher Busuttil hemm ukoll il-filmati li ġew esebiti Dok. "AF" u l-istills relattivi li nħarġu mill-Espert Tekniku John Sacco. Din l-għodda u din il-merkanzija tal-monti, jew ta' l-inqas parti minnhom, effettivament instabu fil-vann li kien fih l-imputat Mario Farrugia meta ġie arrestat u sussegwentement ġiet ritornata lill-proprjetarji rispettivi.

Fid-dawl ta' dawn il-provi u fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi già ċitati iktar 'l fuq dwar ir-reat ta' riċetazzjoni u *the theory of recent possession*, il-Qorti tqis li hemm provi li juri lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Mario Farrugia għandu jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni dedott fil-konfront tiegħu bis-seba' imputazzjoni dedotta kontrih waħdu.

Bit-**tmien imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Mario Farrugia qed jiġi mixli bil-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu b'Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta minn, dak iż-żmien, Maġistrat Miriam Hayman LL.D.

L-Ispettur Christina Delia esebit Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta minn, dak iż-żmien, Maġistrat Miriam Hayman datat 12 ta' Ġunju 2009, Dok. "GV9" a fol. 139 tal-proċess. Għalkemm dan id-Digriet ġie esebit, il-Prosekuzzjoni naqset milli: (i) tressaq prova li dak id-Digriet effettivament ingħata fil-konfront ta' l-imputat Mario Farrugia odjern; (ii) tressaq prova dwar jekk dak id-Digriet għadux in vigore; u (iii) tressaq prova dwar jekk il-proċeduri li fihom ingħata dak id-Digriet għadhomx pendenti. Fil-fehma tal-Qorti dawn in-nuqqasijiet da parte tal-Prosekuzzjoni serjament jimpinġu fuq is-suċċess tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Mario Farrugia waħdu.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Hussien Hamada**, deċiża fit-13 ta' Jannar 2016: *il-Qorti tinnota li vera kopja tad-digriet tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest hawn fuq imsemmija jinsabu immarkati fl-atti proċesswali bħala Dok. "FT11"... Il-Qorti semgħet lill-Ispettur Frank Anthony Tabone ... jixhed li huwa kien l-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża li fiha Hussien Hamada kien ingħata dak id-digriet. Huwa identifika lil Hussien Hamada bħala l-imputat f'dawk il-proċeduri kif ukoll li kien l-istess persuna li ingħatawlu l-kundizzjonijiet imsemmi f'dak id-digriet. Huwa identifika lill-imputat preżenti fl-awla. S'hawnhekk kollox sew. L-unika ħaġa hija li l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova ta' l-identità għall-fini tar-reċidiva u l-prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra* - prova li fil-każ hawn in eżami lanqas ma saret - *il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu ngħataw għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie allegat li l-imputat naqas milli jħares waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu ukoll il-kondizzjonijiet marbuta magħhom - salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu jkunu ritenuti viġenti skond l-Artikolu 416(1A) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ din il-prova ta' viġenza tal-proċeduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jħares waħda mill-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li għadhom pendenti ladarba din il-prova ma nġabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Għalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement pruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.*

Fid-dawl ta' dak appena osservat u tal-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza hawn ċitata, il-Qorti tqis li l-imputat Mario Farrugia ma għandux u ma jistax jinstab ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu. Isegwi għalhekk li l-Qorti ma tistax u ma għandhiex tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tad-Digriet

għall-Ħelsien mill-Arrest u konsegwenti ri-arrest ta' l-imputat Mario Farrugia u għall-konfiska tal-garanzija imposta fid-Digriet għall-fini tal-konċessjoni tal-ħelsien mill-arrest.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat Mario Farrugia bħala **reċediv** ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet tal-prova tar-reċidiva huwa ormai prinċipju ġuridiku assodat illi *l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuża bħal dawn in kwistjoni hi li tiġi esebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identità … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova ta' l-identità. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub hati*[170] *… Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn eżami ta' l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami ta' l-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva*[171].

In kwantu rigwarda l-konferma li s-sentenza esebita għall-fini ta' reċidiva tkunx ġiet appellata o meno, kwistjoni din sollevata mid-Difiża ta' l-imputat Mario Farrugia fit-trattazzjoni finali, issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joswil Galea, Appell Kriminali Nru. 58/07** deċiża fis-26 ta' April 2007: *il-prassi ta' dawn il-Qrati dejjem kienet li una volta ssir il-prova tas-sentenza billi tiġi esebita kopja vera w awtentika tagħha u dment li l-Qorti tkun sodisfatta li dik is-sentenza tkun tirriferi għall-istess imputat - jew għax issir il-prova ta' l-identifikazzjoni minn xi Xhud fl-ewwel kawża li l-imputat odjern kien l-istess wieħed fis-sentenza esebita, jew għaliex il-konnotati ta' l-imputat fiż-żewġ kawżi jkunu identiċi - allura tkun saret il-prova tar-reċidiva skond il-liġi. Qatt ma ġie rikjest li ssir il-prova mir-Reġistratur tal-Qrati li dik is-sentenza tkun għaddiet in ġudikat. Illi meta jkun jidher mill-fedina penali - kif inhu l-każ hawn - li dik is-sentenza tkun saħansitra mdaħħla fil-fedina penali ta' l-akkużat, ikun hemm prova biżżejjed li l-każ ikun ġie konkjuż. Jekk l-akkużat irid jikkontesta dan, dejjem però għandu l-mezz li jġib prova kuntrarja fl-istadju opportun. Dan ma sarx f'dan il-każ u kien biss f'dan l-istadju t'appell li jidher li tqajjmet għall-ewwel darba din il-kwistjoni.*

Għall-fini tar-reċidiva, l-Ispettur Christina Delia esebiet vera kopja ta' sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mario Farrugia", Dok. "GV8" a fol. 136 tal-proċess. L-imsemmija sentenza ngħatat fil-konfront ta' Mario Farrugia iben Carmelo Farrugia u Josephine neè Mifsud, imwieled fit-3 ta' Lulju 1970 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 291170(M).

[170] Il-Pulizija v. Jason James Agius, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001.
[171] Il-Pulizija v. Joseph Zahra, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003, Il-Pulizija v. Paul Abela, Appell Kriminali Nru. 87/04 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Settembru 2004 u Il-Pulizija v. Rita Zammit, Appell Nru. 477/17 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2019.

Minn dawn il-konnotati jirriżulta ferm ċar li s-sentenza imsemmija effettivament ingħatat fil-konfront ta' l-imputat odjern Mario Farrugia.

Bl-imsemmija sentenza l-imputat Mario Farrugia ġie kkundannat għall-perijodu ta' tletin xahar priġunerija effettiva. L-imsemmija sentenza u kundanna relattiva jirriżultaw imniżżla fil-fedina penali ta' l-imputat Mario Farrugia esebita a fol. 17 sa' a tergo ta' fol. 19 tal-proċess u għaldaqstant jirriżulta li din għaddiet in ġudikat.

Ai termini ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundanata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor* u ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħrha kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat Mario Farrugia wettaq ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati b'din is-sentenza wara li sentenza pronunċjata fil-konfront tiegħu għaddiet in ġudikat u fit-terminu ta' ħames snin previst fil-Liġi. Konsegwentement għandu jitqies li l-imsemmi imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 289(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu* (ossia dwar ir-reati ta' serq), *il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa' tliet gradi.* Mill-fedina penali ta' l-imputat Mario Farrugia, jirriżulta li huwa kien instab ħati ta' reat ta' serq darbtejn qabel is-sejbien ta' ħtija għar-reati ta' serq determinat b'din is-sentenza. Konsegwentement għalhekk, l-imputat Mario Farrugia għandu jitqies bħala reċediv anke ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Clint Cauchi waħdu:**

L-imputat Clint Cauchi waħdu qed jiġi mixli b'reat ta' serq, ta' riċetazzjoni u bil-ksur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 1 ta' Ottubru 2020[172], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat Clint Cauchi biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-**ewwel u bit-tieni imputazzjonijiet** dedotti fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Clint Cauchi qed jiġi mixli bis-serq ta' għoddod u/jew oġġetti oħra minn ġewwa Triq il-

[172] Fol. 719 u 720 tal-proċess.

Wied, Birkirkara, f'xi ħin filgħodu nhar l-1 ta' Settembru 2018, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeċċedi €2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, a dannu ta' Justin Schemri u/jew persuni oħra, u, alternattivament bir-reat ta' riċettazzjoni ta' tali għoddod kif ukoll ta' pjanċi ta' vettura GBT-734 ta' l-għamla Mazda u/jew oġġetti oħra.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rriżulta li l-għodda formanti l-mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Clint Cauchi waħdu kienet ġiet irrapprutata misruqa minn ċertu Justin Schembri. Dan Schembri għamel ir-rapport tiegħu - esebit bħala Dok. "CD6" a fol. 43 sa' 46 tal-proċess - nhar l-1 ta' Settembru 2018 għall-ħabta ta' l-10:20a.m. u ddikjara li ftit tal-ħin qabel kien innota li insterqet għodda mill-vann tiegħu, fir-rigward ta' liema vann l-aħħar li kien ra li kien kollox sew kien għall-ħabta tas-1:00a.m. Dejjem mill-provi tal-Prosekuzzjoni jirriżulta li fl-1 ta' Settembru 2018 għall-ħabta tal-11:30a.m., l-imputat Clint Cauchi flimkien ma' Clive Agius kienu nstabu ġol-vettura ta' l-għamla Isuzu tip pick-up bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 u fil-kaxxa ta' din il-vettura nstabu numru ta' għoddod li rriżultaw, jew ta' l-inqas parti minnhom, irriżultaw li huma ta' Justin Schembri, ta' missieru Stephen Schembri u ta' terza persuna oħra. B'hekk ftit tal-ħin wara li l-għodda nsterqet instabet fil-pussess ta' Clive Agius u l-imputat Clint Cauchi. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari Clive Agius iddikjara li fis-serq ta' l-għoddod kienu involuti hu u l-imputat Clint Cauchi.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat Clint Cauchi huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u dana anke billi il-kwalifiki għar-reat ta' serq addebitat lill-imputat Clint Cauchi jirriżultaw pruvati tramite x-xhieda ta' Stephen Schembri li ddikjara li l-valur ta' l-għodda misruqa kien jammonta għal madwar €7,000.

Għalkemm l-imputazzjoni oriġinali dedotta fil-konfront ta' l-imputat Clint Cauchi waħdu kienet dik tar-reat ta' riċettazzjoni anke tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-numru GBT-734, fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 1 ta' Ottubru 2020, l-Avukat Ġenerali kkwota s-segwenti artikoli tal-Liġi - Artikoli 261(b)(ċ)(f)(ġ), 267, 279(b), 280(2), 270, 263 u 271 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li evidentement jittrattaw dwar ir-reat ta' serq. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat Clint Cauchi ma jistax jinstab ħati ta' tali reat stante li Clive Agius, xhud prodott mill-Prosekuzzjoni stess, iddikjara illi l-vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 kien seraqha hu u l-imputat Cauchi ma kienx involut.

Detto ciò però l-Qorti tqis li tista' u għandha tara jekk l-imputat Clint Cauchi jistax jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru GBT-734 u dana anke fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 476(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, già iktar 'l fuq ċitat.

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni rriżulta li l-vettura ta' għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GBT-734 ġiet misruqa bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu 2018. In segwitu din il-vettura nstabet fil-garage f'Savoy Gardens, Triq Luqa Briffa, Gżira, iċ-ċwievet ta' liema garage nstabu fuq Clive Agius meta l-imputat Clint Cauchi u Clive Agius instabu fil-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341. Il-pjanċi in kwistjoni ukoll instabu fil-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBJ-341 wara li l-imputat Clint Cauchi u Clive Agius ġew arrestati u saret tfittxija fil-vann. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull

dubju raġonevoli li l-imputat Clint Cauchi huwa ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-pjanċi bin-numru ta' reġistrazzjoni GBT-734.

Bit-**tielet imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, l-imputat Clint Cauchi qed jiġi mixli li fix-xahar ta' Awwissu 2018 f'dawn il-gżejjer kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, impost fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata t-30 ta' Novembru 2017.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari l-Ispettur Christina Delia ppreżentat sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Renald Baldacchino u Clint Cauchi", Dok. "GV7" a fol. 133 sa' 135 tal-proċess. Minn din is-sentenza, li skond il-konnotati hemm indikati fir-rigward ta' Clint Cauchi ngħatat fil-konfront ta' l-imputat odjern Clint Cauchi, jirriżulta li Clint Cauchi tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tlett snin flimkien ma' Ordni ta' Trattament għal tlett snin.

Għalkemm ġiet ippreżentata s-sentenza, il-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx id-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Probation li bih ġew imposti l-kondizzjonijiet relattivi fuq l-imputat Clint Cauchi. Fin-nuqqas ta' tali Digriet il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat Clint Cauchi għat-tielet imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

**Riassunt:**

- Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien in kwantu mhux riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 1 ta' Ottubru 2020;
- Ma ssibx lill-imputat Clint Cauchi ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Mario Farrugia flimkien;
- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia ħati tas-serq ikkwalifikat tal-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681 iżda ssibu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni ta' l-istess imsemmija vettura;
- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Clint Cauchi flimkien iżda ssib lill-imputat Clint Cauchi ħati ta' tali imputazzjoni, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin;
- Issib lill-imputati Mario Farrugia u Clint Cauchi ħatja tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien;
- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia u lill-imputat Clint Cauchi ħatja tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien;
- Ma ssibx lil Clint Cauchi ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Mario Farrugia flimkien;
- Issib lill-imputat Mario Farrugia ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' Clint Cauchi flimkien;
- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu;
- Issib lill-imputat Mario Farrugia ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, limitatament però għall-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru JBN-396;
- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu;
- Issib lill-imputat Mario Farrugia ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu;

- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia ħati tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu waħdu;
- Issib lill-imputat Mario Farrugia ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu;
- Ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia ħati tat-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u konsegwentement għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest u ordni ta' ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat Mario Farrugia kif ukoll tat-talba għall-konfiska tal-garanzija imposta fid-Digriet għall-fini tal-konċessjoni tal-ħelsien mill-arrest;
- L-imputat Mario Farrugia għandu jitqies bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Issib lill-imputat Clint Cauchi ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu;
- Issib lill-imputat Clint Cauchi ħati tar-reat ta' riċettazzjoni tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru GBT-734;
- Ma ssibx lill-imputat Clint Cauchi ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**:

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputati qed jinstabu ħatja iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-progress u kambjament li huma għamlu tul il-perkors ta' dawn il-proċeduri. Entrambe l-imputati esperjenzaw problema ta' abbuż ta' droga qawwija li naturalment iddettat l-aġir tagħhom fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri. Nonostante ciò però tul il-kors ta' dawn il-proċeudri entrambe l-imputati għamlu l-almu kollu tagħhom biex jegħlbu l-problemi tagħhom u jirriabilitaw ruħhom, ħaġa li mid-diversi xhieda li xehdu fir-rigward, b'mod partikolari Maria Caruana rappreżentant tal-Caritas, Luke Magri, Therapeutic Facilitator mal-Caritas, u l-Uffiċjal tal-Probation Mary Rose Farrugia, u mir-rapporti ta' l-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Camilleri, irnexxielhom iwettqu u effettivament bi ħsiebhom ikomplu jaħdmu fuqha u jtejbu is-sitwazzjoni u l-ħajja tagħhom.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li:

- Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien;
- Tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat Mario Farrugia ħati tat-tieni u tal-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Clint Cauchi flimkien u b'hekk tilliberah minnhom;
- Tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat Mario Farrugia ħati ta' l-ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu waħdu u b'hekk tillbierah minnhom;
- Tastejni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' Mario Farrugia għar-revoka tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest u ordni ta' ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat Mario Farrugia kif ukoll tat-talba għall-konfiska tal-garanzija imposta fid-Digriet għall-fini tal-konċessjoni tal-ħelsien mill-arrest;

- Tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat Clint Cauchi ħati ta' l-ewwel, il-ħames u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Mario Farrugia flimkien u b'hekk tilliberah minnhom; u
- Tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat Clint Cauchi ħati tat-tielet imputazzjonni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u b'hekk tilliberah minnha.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a)(b), 280(2), 289, 334(a) u 476(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' l-imputat **Mario Farrugia** tiddikjara li:

- Filwaqt li mhux qed issibu ħati tar-reat ta' serq ikkwalifikat tal-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FBT-681, issibu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni ta' l-istess imsemmija vettura;
- Issibu ħati tar-raba u tas-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Clint Cauchi flimkien;
- Issibu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, limitatament però għall-pjanċi bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBN-396;
- Issibu ħati tar-raba' u tas-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu waħdu; u
- Issib li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta -

Iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ossia li l-imputat Mario Farrugia esperjenza problema ta' abbuż ta' droga qawwija li naturalment iddettat l-aġir tiegħu fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri, iżda tul il-kors ta' dawn il-proċeduri għamel l-almu kollu tiegħu biex jegħleb il-problemi tiegħu u jirriabilita ruħu, ħaġa li rnexxielu jwettaq u effettivament bi ħsiebu jkompli jaħdem fuqha u jtejjeb is-sitwazzjoni u l-ħajja tiegħu, is-sorveljanza ta' l-imsemmi imputat Mario Farrugia minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata l-kontinwata rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu mill-vizzju tad-droga u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li huwa jwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 u senjatament l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat Mario Farrugia taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat Mario Farrugia bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat Mario Farrugia tingħata lill-istess imputat.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17, 18, 31, 261(b)(ċ)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(a)(b), 280(2), 281(a), 334(a) u 476(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' l-imputat **Clint Cauchi**, tiddikjara li:

- Issibu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Mario Farrugia flimkien, limitatament però għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-ħin, u ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ta' l-imputat Mario Farrugia flimkien;
- Issibu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu u ssibu ħati wkoll tar-reat ta' riċetazzjoni tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-Numru GBT-734 -

Iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ossia li l-imputat Clint Cauchi esperjenza problema ta' abbuż ta' droga qawwija li naturalment iddettat l-aġir tiegħu fiż-żminijiet pertinenti għal dawn il-proċeduri, iżda tul il-kors ta' dawn il-proċeduri għamel l-almu kollu tiegħu biex jegħleb il-problemi tiegħu u jirriabilita ruħu, ħaġa li irnexxielu jwettaq u effettivament bi ħsiebu ikompli jaħdem fuqha u jtejjeb is-sitwazzjoni u l-ħajja tiegħu, is-sorveljanza ta' l-imsemmi imputat Clint Cauchi minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata l-kontinwata rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu mill-vizzju tad-droga u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li l-imputat Clint Cauchi jwettaq reati ulterjuri, ai termini ta' l-Artikolu 7 u senjatament l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat Clint Cauchi taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat Clint Cauchi bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuq l-imputat Clint Cauchi tingħata lill-istess imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti:

Tikkundanna lill-imputat Mario Farrugia għall-ħlas tas-segwenti spejjeż:

- Is-somma ta' €198.75[173] rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tas-SOCO PS186 Kristian Mintoff;
- Is-somma ta' €657.97[174] rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Donald Tabone;
- Is-somma ta' €1,150.50[175] rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar;
- Is-somma ta' €632.60[176] rappreżentanti żewġ terzi (2/3) ta' l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joe Mallia;
- Is-somma ta' €612.95[177] rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco -

---

173 Fol. 217 tal-proċess.
174 A tergo ta' fol. 381 tal-proċess.
175 €1699.20 (fol. 581) + €601.80 (fol. 704) = €2,301/2 = €1,150.50
176 €948.90 (fol. 626) x 2/3 = €632.60.
177 €1,225.90 (fol. 688 tal-proċess) / 2 = €612.95

Komplessivament ammontanti għal **€3,252.77**. Dan l-ammont għandu jitħallas fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

U tikkundanna lill-imputat Clint Cauchi għall-ħlas tas-segwenti spejjeż:

- Is-somma ta' €97.25[178] rappreżentanti spejjeż in konnessjoni man-nomina tas-SOCO PS186 Kristian Mintoff
- Is-somma ta' €1,150.50[179] rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar;
- Is-somma ta' €316.30[180] rappreżentanti terz (1/3) ta' l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert ta' l-Impronti Diġitali Joe Mallia;
- Is-somma ta' €612.95[181] rappreżentanti nofs l-ispejjeż in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco -

Komplessivament ammontanti għal **€2,177.00**. Dan l-ammont għandu jitħallas fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[178] Fol. 240 tal-proċess.
[179] €1699.20 (fol. 581) + €601.80 (fol. 704) = €2,301/2 = €1,150.50
[180] €948.90 (fol. 626) x 1/3 = €6316.30.
[181] €1,225.90 (fol. 688 tal-proċess) / 2 = €612.95